**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviż Nru. 335/2002VG**

**Francesco sive Cikku Camilleri**

**Vs**

**Charles Ciangura u għal kull interess li jista' jkollha bħala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti martu Pauline sive Polly Ciangura, l-Aġent Ekonomu ta' Monsignur Arċisqof, Amministratur tal-beni Ekklesjasttiċi f'Malta, Direttur Uffiċċju Konġunt u Uffiċċju Ġenerali ta' l-Avukat tar-Repubblika u in forza ta' l-Artikolu 4(10) tal-Kapitolu 603 tal-Liġijiet ta' Malta u permezz ta' l-Avviż Legali bin-numru 329 tas-sena 2019, mit-18 ta' Diċembru 2019 l-Avukat ta' l-Istat ħa f'idejh kull att ta' natura ċivili, kostituzzjonali u amministrattiva li kienu jappartjenu lill-Avukat Ġenerali in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta**

**Illum 10 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviż ippreżentat minn Francesco sive Ċikku Camilleri fit-22 ta' Mejju 2002, permezz ta' liema jitlob li: (1) Charles Ciangura u għal kull interess li jista' jkollha bħala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti martu Pauline sive Polly Ciangura, l-Aġent Ekonomu ta' Monsignur Arċisqof, id-Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt u l-Avukat Ġenerali, in segwitu assuma l-atti l-Avukat ta' l-Istat minflok l-Avukat Ġenerali, jiġu kkundannati jiżgumbraw jew skond iċ-ċirkostanzi jiġu ordnati ma joħolqu l-ebda ostakoli lilu, mir-razzett Ta' Sebula jew Sebuna, f'Għajn Klieb, limiti tas-Salvatur, Rabat, u l-art tal-madwar, li huma mqabbla lilu skond riċevuti fil-pussess tiegħu u dana anke fid-dawl li l-inkwilin preċedenti Carmelo Azzopardi, li kien instab mejjet fl-1975, kien jaħbat ħu ommu, fejn sussegwentement it-titolu tal-qbiela ngħadda lilu (ossia lill-attur) li baqa' ġuvni u dejjem ħallas il-qbiela lill-awtorità kompetenti, kif jista' jiġi ppruvat; (2) il-Qorti tiffissa żmien qasir u perentorju għal tali żgumbrament tal-konvenuti jew min minnhom; (3) b'riserva għal kwalsiasi azzjoni ta' danni spettanti lilu kontra l-konvenuti;

Rat li għall-finijiet ta' valur lokatizju u ta' intaxxar min-naħa tar-Reġistru tal-Qorti, l-attur iddikjara li l-ammont annwali tal-qbiela huwa ta' Lm5.62,5[1] u dana skond riċevuta annessa ma' l-Avviż markata Dok. "JM1"[2];

---

[1] Illum ekwivalenti għal €13.11.

[2] Fol. 2 u 3 tal-proċess.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet ta' Vincent E. Ciliberti, Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-beni ekklesjastiċi djoċesani kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess tal-legat Tommaso Bonnici Anness mal-Cassa Anime Purganti tal-Parroċċa tar-Rabat, permezz ta' liema jeċċepixxi: (1) l-infondatezza tat-talba attriċi billi r-razzett imsemmi fl-Avviż hu mikri lil Charles Ciangura, illum ir-razzett għadda għand il-Gvern taħt il-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede; (2) bla ħsara ta' dan, kull dritt li seta' kellu l-attur hu llum preskritt għax il-fond qatt ma seta' kien okkupat dawn l-aħħar 50 sena. Ir-razzett in fatti kien mikri lil Carmelo Azzopardi li nstab mejjet fil-baħar fis-sena 1975 u ċ-ċwievet tar-razzett inzammu mill-Pulizija sakemm għaddew għand Ciangura;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Charles u Pauline konjuġi Ciangura permezz ta' liema jeċċepixxu illi: (1) din il-Qorti hija inkompetanti *ratione materiae* stante li huma għandhom titolu ta' lokazzjoni validu fuq l-art Ta' Għajn Klieb, bir-razzett miegħu, limiti tas-Salvatur, Rabat, Malta, u dana skond skrittura datata 9 ta' Frar 1993 bejn il-Kurja Arċiveskovili u Charles Ciangura, li kopja tagħha ġiet annessa man-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet; (2) f'kawża ta' żgumbrament, meta jirriżulta li jeżisti titolu jew kien jeżisti iżda jista' jiġi terminat, dik it-terminazzjoni trid tiġi kkunsidrata mill-Bord tal-Kera appożitu imwaqqaf bil-liġijiet speċjali u dan kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Carmelina sive Lina Camilleri et v. Paul Mifsud" deċiża fit-12 ta' Awwissu 1994; (3) bla preġudizzju għall-premess u fil-mertu, il-fond in kwistjoni ma' l-artijiet annessi miegħu ilu mikri lilhom (ossia lill-konvenuti Ciangura) mid-9 ta' Frar 1993 bil-kera ta' Lm100[3] fis-sena, li jitħallsu bis-sitt xhur bil-quddiem kull l-ewwel ta' Frar u kull l-ewwel ta' Awwissu u illi huma ilhom iħallsu din il-kera sia lill-Kurja Arciveskovili u sussegwentement lill-Uffiċju Konġunt u għandhom ir-riċevuti appositi; (4) huma ilhom fil-pussess tal-kera ta' dan il-fond għal aktar minn disa' snin u jokkupaw l-istess razzett b'titolu validu ta' kera; (5) illi anteċedentement ir-razzett kien mikri lil Carmelo Azzopardi li kien ġuvni u li nqatel fl-istess razzett li kien l-unika residenza tiegħu. Ħadd ma kien jgħix miegħu u għalhekk il-kirja tal-fond bħala residenza tiegħu ma setgħetx tiddevolvi fuq l-ebda mill-werrieta tiegħu; (6) l-attur mhux werriet tiegħu (ossia ta' Carmelo Azzopardi), ma kienx jgħix miegħu fil-fond in kwistjoni u għalhekk qatt ma kellu dritt biex jiret il-kirja kif qed jippretendi li jagħmel; (7) l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat id-dokument markat Dok. "A" annessa man-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Ciangura a fol. 8 sa' 10 tal-proċess;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Ciangura u ta' l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof magħmula waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2003[4], fis-sens illi *l-konjuġi Ciangura jħallsu l-qbiela tar-razzett in kwistjoni u r-raba miegħu anteċedentement lil Kurja Arċiveskovili u illum lill-Joint Office u dan ilu jsir mid-9 ta' Frar 2003* [recte: 1993]. *Meta ssemma raba' qed jirriferixxi biss għall-ambjenti madwar ir-razzett.*

Semgħet ix-xhieda tal-konvenut Charles Ciangura mogħtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' April 2003[5], tat-8 ta' Frar 2018[6] u ta' l-20 ta' Novembru 2018[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu

---

[3] Ekwivalenti għal €232.93.

[4] Fol. 21 tal-proċess.

[5] Fol. 22 sa' 24 tal-proċess.

[6] Fol. 1089 sa' 1095 tal-proċess.

[7] Fol. 1102 sa' 1109 tal-proċess.

a fol. 25 sa' 32 tal-proċess, rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "JM1" sa' Dok. "JM10" esebiti permezz ta' Nota ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2003 a fol. 33 sa' 145 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Raymond Bonnici mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Jannar 2004[8], tas-27 ta' April 2017[9] u tat-12 ta' Ġunju 2017[10] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 171 sa' 181 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Michael Mallia mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2004[11] u x-xhieda ta' Monsinjur Innocenzo Borg[12] u tal-Kanonku Giuseppe Zammit[13] mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2004 u rat id-dokumenti esebiti mill-Monsinjur Innocenzo Borg markati Dok. "FC1" a fol. 191 sa' 195 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Salvu Micallef mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2003[14] u x-xhieda ta' Jesmond Micallef mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' April 2005[15] u tat-28 ta' Novembru 2013[16] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 214 u 215 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' John Micallef[17] u ta' Giovanni Demartino[18] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2005, rat id-dokumenti markati Dok. "CC1" u Dok. "CC2", Dok. "AA1" u Dok. "AA2" u s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Jesmond Micallef et" pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Settembru 2009 esebiti mill-konvenut Charles Ciangura permezz ta' Noti rispettivament ippreżentanti fis-26 ta' Ottubru 2007 a fol. 282 u 283 tal-proċess, fit-8 ta' Lulju 2008 a fol. 287 sa' 305 tal-proċess u fid-9 ta' Novembru 2009 a fol. 315 sa' 322 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Vincent Gilson mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2010[19] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "VG1" a fol. 336 tal-proċess, rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku l-Perit Godwin Abela[20] a fol. 343 sa' 358 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Mary Caruana[21] u ta' John Micallef[22] mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2011 u rat id-dokument esebit minn John Micallef markat Dok. "JM1" a fol. 365 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Charles Camilleri mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2013[23] u x-xhieda ta' l-attur mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Novembru 2013[24], tas-26 ta' Ottubru 2015[25] u rat id-dokumenti esebiti mill-attur markati Dok. "GV" a fol. 435 sa' 445 tal-proċess (dawn id-dokumenti ġew esebiti *animo ritirandi* u qed jinżammu fis-Sigrieta tal-Maġistrat) u Dok. "A" a fol. 475 u 476 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Alan Scicluna mogħtija waqt is-seduti tal-5 ta' Diċembru 2016[26] u ta' l-20 ta' Frar 2017[27] u rat id-

---

8 Fol. 165 sa' 170 tal-proċess.

9 Fol. 1060 u 1061 tal-proċess.

10 Fol. 1065 sa' 1071 tal-proċess.

11 Fol. 182 sa' 184 tal-proċess.

12 Fol. 187 sa' 190 tal-proċess.

13 Fol. 196 sa' 200 tal-proċess.

14 Fol. 202 sa' 208 tal-proċess.

15 Fol. 210 sa' 213 tal-proċess.

16 Fol. 459 sa' 462 tal-proċess.

17 Fol. 216 u 217 tal-proċess.

18 Fol. 218 sa' 221 tal-proċess.

19 Fol. 337 u 338 tal-proċess.

20 Nominat b'Digriet datat 11 ta' Ġunju 2006.

21 Fol. 365A sa' 365C tal-proċess.

22 Fol. 365D u 365F tal-proċess.

23 Fol. 446 sa' 453 tal-proċess.

24 Fol. 454 sa' 458 tal-proċess.

25 Fol. 477 u 478 tal-proċess.

26 Fol. 834 u 835 tal-proċess.

27 Fol. 839 sa' 841 tal-proċess.

dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AS1" a fol. 488 sa' 833 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Monsinjur Joseph Bugeja mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017[28] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JB1" a fol. 1076 sa' 1084 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Mark Ciangura mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2019[29] u x-xhieda ta' Karl Borg, in rappreżentanza ta' l-Awtorità ta' l-Artijiet, mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2019[30] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "KB" sa' Dok. "KB5" a fol. 1119 sa' 1127 tal-proċess, rat it-traskrizzjoni tal-kontro-ezami ta' l-attur waqt seduta ffissata mill-Avukat Dr. Benjamin Valenzia[31] ġewwa San Vinċenz de Paul fil-21 ta' Mejju 2021[32] u semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Benjamin Valenzia mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021[33], rat l-affidavit ta' Monsinjur Gwann Azzopardi markat Dok. 1 u dokumenti annessi miegħu markati Dok. 1A sa' Dok. 10A esebiti mill-konvenut Charles Ciangura permezz ta' Nota ppreżentata fl-10 ta' Settembru 2021 a fol. 1168 sa' 1205 tal-proċess;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti Ciangura[34] u ta' l-attur[35] dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* sollevata mill-konvenuti Ciangura tagħhom;

Rat is-sentenza preliminari pronunċjata fit-30 ta' April 2013[36] permezz ta' liema ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* sollevata mill-konvenuti Ciangura bl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom;

Rat id-Digriet datat 1 ta' Lulju 2013[37] permezz ta' liema t-talba tal-konvenuti Ciangura sabiex jiġu awtorizzati jappellaw mis-sentenza preliminari datata 30 ta' April 2013, ġiet miċħuda;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt ippreżentata fit-23 ta' Ottubru 2023, in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti Ciangura u tad-Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt entrambe ppreżentati fl-24 ta' Ottubru 2023 u n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Aġent Ekonomu ta' l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Beni Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta, ippreżentata fit-23 ta' Novembru 2023;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jiżgumbraw jew skond iċ-ċirkostanzi jiġi ordnat li ma joħolqu l-ebda ostakoli lilu, mir-razzett Ta' Sebula jew Sebuna, f'Għajn Klieb, limiti tas-Salvatur, Rabat, u l-art tal-madwar, li huma mqabbla lilu

---

[28] Fol. 1085 sa' 1087 tal-proċess.

[29] Fol. 1111 sa' 1114 tal-proċess.

[30] Fol. 1128 sa' 1132 tal-proċess.

[31] Nominat Mill-Qorti b'Digriet datat 9 ta' April 2019 sabiex jiffissa seduta fir-residenza ta' l-attur sabiex isir il-kontro-eżami tiegħu da parte tal-partijiet intimati f'dawn il-proċeduri, fol. 1136 tal-proċess.

[32] Fol. 1156 sa' 1161 tal-proċess.

[33] Fol. 1162 u 1163 tal-proċess.

[34] Fol. 366 sa' 371 tal-proċess.

[35] Fol. 373 sa' 383 tal-proċess.

[36] Fol. 393 sa' 403 tal-proċess.

[37] Fol. 429 u 430 tal-proċess.

skond riċevuti fil-pussess tiegħu u dana anke fid-dawl li l-inkwilin preċedenti Carmelo Azzopardi, li kien instab mejjet fl-1975, kien jaħbat ħu ommu, fejn sussegwentement it-titolu tal-qbiela ngħadda lilu (ossia lill-attur) li baqa' ġuvni u dejjem ħallas il-qbiela lill-awtorità kompetenti, kif jista' jiġi ppruvat; (2) il-Qorti tiffissa żmien qasir u perentorju għal tali żgumbrament tal-konvenuti jew min minnhom; (3) b'riserva għal kwalsiasi azzjoni ta' danni spettanti lilu kontra l-konvenuti.

L-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-beni ekklesjastiċi djoċesani kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess tal-legat Tommaso Bonnici anness mal-Cassa Anime Purganti tal-Parroċċa tar-Rabat, jeċċepixxi: (1) l-infondatezza tat-talba attriċi billi r-razzett imsemmi fl-Avviż hu mikri lil Charles Ciangura, illum ir-razzett għadda għand il-Gvern taħt il-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede; (2) bla ħsara ta' dan, kull dritt li seta' kellu l-attur hu llum preskritt għax il-fond qatt ma seta' kien okkupat dawn l-aħħar 50 sena. Ir-razzett in fatti kien mikri lil Carmelo Azzopardi li nstab mejjet fil-baħar fis-sena 1975 u ċ-ċwievet tar-razzett inzammu mill-Pulizija sakemm għaddew għand Ciangura.

Il-konvenuti Ciangura jeċċepixxu illi: (1) din il-Qorti hija inkompetanti *ratione materiae* stante li huma għandhom titolu ta' lokazzjoni validu fuq l-art Ta' Għajn Klieb, bir-razzett miegħu, limiti tas-Salvatur, Rabat, Malta, u dana skond skrittura datata 9 ta' Frar 1993 bejn il-Kurja Arċiveskovili u Charles Ciangura, li kopja tagħha ġiet annessa man-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet; (2) f'kawża ta' żgumbrament, meta jirriżulta li jeżisti titolu jew kien jeżisti iżda jista' jiġi terminat, dik it-terminazzjoni trid tiġi kkunsidrata mill-Bord tal-Kera appożitu mwaqqaf bil-liġijiet speċjali u dan kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Carmelina sive Lina Camilleri et v. Paul Mifsud" deċiża fit-12 ta' Awwissu 1994; (3) bla preġudizzju għall-premess u fil-mertu, il-fond in kwistjoni ma' l-artijiet annessi miegħu ilu mikri lilhom (ossia lill-konvenuti Ciangura) mid-9 ta' Frar 1993 bil-kera ta' Lm100[38] fis-sena, li jitħallsu bis-sitt xhur bil-quddiem kull l-ewwel ta' Frar u kull l-ewwel ta' Awwissu u illi huma ilhom iħallsu din il-kera sia lill-Kurja Arciveskovili u sussegwentement lill-Uffiċju Konġunt u għandhom ir-riċevuti appositi; (4) huma ilhom fil-pussess tal-kera ta' dan il-fond għal aktar minn disa' snin u jokkupaw l-istess razzett b'titolu validu ta' kera; (5) illi anteċedentement ir-razzett kien mikri lil Carmelo Azzopardi li kien ġuvni u li nqatel fl-istess razzett li kien l-unika residenza tiegħu. Ħadd ma kien jgħix miegħu u għalhekk il-kirja tal-fond bħala residenza tiegħu ma setgħetx tiddevolvi fuq l-ebda mill-werrieta tiegħu; (6) l-attur mhux werriet tiegħu (ossia ta' Carmelo Azzopardi), ma kienx jgħix miegħu fil-fond in kwistjoni u għalhekk qatt ma kellu dritt biex jiret il-kirja kif qed jippretendi li jagħmel; (7) l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li d-Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt u l-Avukat Ġenerali, u in segwitu l-Avukat ta' l-Istat, ma ressqu l-ebda eċċezzjonijiet formali għat-talbiet ta' l-attur.

B'sentenza preliminari pronunċjata fit-30 ta' April 2013[39], ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* sollevata mill-konvenuti Ciangura bl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom. Fid-dawl ta' dan għalhekk jifdal li issa jiġu ikkunsidrati t-talbiet attriċi fid-dawl tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Ciangura u mill-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-beni ekklesjastiċi djoċesani kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess tal-legat Tommaso Bonnici Anness mal-Cassa Anime Purganti tal-Parroċċa tar-Rabat.

---

[38] Ekwivalenti għal €232.93.

[39] Fol. 393 sa' 403 tal-proċess.

Il-vertenza odjerna tittratta dwar ir-razett f'Ta' Sebula jew Sebuna, f'Għajn Klieb, limiti tas-Salvatur, Rabat, u l-art tal-madwar, fir-rigward ta' liema kemm l-attur kif ukoll il-konvenuti Ciangura jikkontendu li għandhom titolu - titolu ta' qbiela l-attur u titolu ta' kera l-konvenuti Ciangura. Mill-provi prodotti minn entrambe l-partijiet kontendenti, ossia l-attur u l-konvenuti Ciangura, jirriżulta li fiż-żmien, ossia qabel l-1975, dan ir-razzett u l-art ta' madwaru kien detenut minn Carmelo Azzopardi permezz ta' titolu ta' qbiela. Il-Qorti qed tgħid qabel l-1975 għar-raġuni li fl-1975 dana Carmelo Azzopardi kien instab mejjet fil-baħar f'Miġrah Ferħa. Minn dak iż-żmien 'l quddiem, ċertament sa' l-1993, ir-razzett in kwistjoni kien baqa' magħluq fuq ordni tal-Pulizija u ħadd ma kellu aċċess effettiv għalih, hekk kif ikkonfermat mill-attur fl-affidavit tiegħu kif ukoll mill-konvenut Charles Ciangura fix-xhieda tiegħu.

Mill-provi prodotti mill-attur jirriżulta li Carmelo Azzopardi kien iz-ziju tiegħu, ossia ħu ommu Maria Camilleri, filwaqt li Azzopardi u l-konvenut, hekk kif affermat mill-istess Ciangura fix-xhieda tiegħu, kienu ħbieb u kienu jrabbu l-ħnieżer bi sħab fir-razzett in kwistjoni. Il-Qorti tosserva li r-razzett li kien fil-pussess ta' Carmelo Azzopardi u li huwa in kontestazzjoni bejn l-attur u l-konvenuti Ciangura kien magħmul minn diversi ambjenti li maż-żmien inqasmu bejn erba' partijiet, b'parti minnhom appuntu mogħtija lil Carmelo Azzopardi b'titolu ta' qbiela flimkien ma' raba' tal-kejl ta' ċirka sitt itmiem. Dan il-punt fil-fehma tal-Qorti huwa ferm importanti għaliex jindirizza kwistjoni ċentrali għall-każ in eżami u cioè jekk it-titoli rispettivi ta' l-attur u tal-konvenuti Ciangura fil-fatt humiex fir-rigward ta' l-istess identika proprjetà jew le.

Qabel ma tidħol f'din il-kwistjoni, li kif ingħad hija ċentrali għall-vertenza odjerna, il-Qorti tqis li għandha tikkonsidra xi punti preliminari li frankament ma tistax tifhem kif u għalfejn ġew sollevati mill-konvenuti l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof u l-konjuġi Ciangura.

**Eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenut Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof u mill-konvenuti Ciangura:**

Kemm l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof kif ukoll il-konvenuti Ciangura jeċċepixxu il-preskrizzjoni verso l-pretensjonijiet ta' l-attur fuq il-proprjetà in kwistjoni. L-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof jeċċepixxi li kull dritt li seta' kellu l-attur hu llum preskritt għax il-fond qatt ma seta' kien okkupat dawn l-aħħar 50 sena u l-konvenuti Ciangura jeċċepixxu li l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

L-attur fl-ebda ħin u mument ma huwa qed jivvanta xi forma ta' titolu ta' proprjetà fuq ir-razzett in kwistjoni u l-art tal-madwar. In effetti huwa kjarament jgħid u jisħaq li għandu titolu ta' qbiela fuq l-istess, hekk kif evidenzjat mill-irċevuti u dikjarazzjonijiet ppreżentati minnu maħruġa mill-Katidral ta' San Ġwann kif ukoll mill-irċevuti maħruġa mill-Uffiċċju Konġunt. Ladarba dik hija l-pretensjoni ta' l-attur, il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ma tidħol bl-ebda mod stante li kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Patri Gulju Bonnici noe v. Raymond Mifsud et, Appell Ċivili Nru. 633/92** deċiża fl-20 ta' Jannar 2003, l-inkwilin għandu biss detenzjoni u mhux pussess u b'hekk dan qatt ma jista' jwassal għall-akkwist tal-fond bil-preskrizzjoni.

Fid-dawl ta' dan għalhekk it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof għandha tiġi miċħuda.

Il-konvenuti Ciangura da parte tagħhom jeċċepixxu l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *l-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin: … (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġie minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.*

Apparte dak già osservat dwar l-irrilevanza ta' eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fid-dawl tal-pretensjonijiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuti, il-preskrizzjoni partikolari eċċepita mill-konvenuti Ciangura iktar u iktar hija għal kollox irrelevanti fil-kuntest tal-proċeduri odjerni in kwantu l-istess tapplika biss, hekk kif jirriżulta mid-diċitura ta' l-istess, fir-rigward ta' talbiet għall-ħlas ta' kreditu, talba din li kjarament ma għandha assolutament xejn x'taqsam ma' talba għall-iżgumbrament kif avvanzata mill-attur.

Għal kull buon fini fir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited v. Dismar Company Limited, Ċitaz. Nru. 99/2001** fit-12 ta' Ottubru 2004: *jrid jingħad li għalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd in personam li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tiegħu għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn tiegħuħ.* ***Ta' min jgħid li ċ-ċirkostanzi kollha maħsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet di fare***[40].

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk jirriżulta li s-seba' eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti Ciangura għandha tiġi miċħuda.

**Mertu tal-proċeduri:**

In kwantu rigwarda l-mertu tal-proċeduri odjerni, il-konvenuti Ciangura jikkontendu li l-attur ma għandu l-ebda titolu u jedd fuq ir-razzett u l-art madwaru mikrija lilhom stante li fil-każ in eżami u fil-konfront tiegħu u anke ta' ommu Maria Camilleri, ma japplikawx il-provvedimenti ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.199 tal-Liġijiet ta' Malta **u**, fi kwalunkwe każ kwalunkwe qbiela konċessa lilu ma tinkludix fiha l-istess razzett u l-art madwaru.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti Ciangura jissottomettu illi *kif ġie dikjarat mill-attur Francesco sive Cikku Camilleri stess, ir-razett in kwistjoni u l-art ta' madwarha kienu mqabbla lil Carmelo Azzopardi li kien ġuvni u li ġie maqtul f'tali razzett fl-24 ta' Lulju 1975. Barra minnhekk, kemm fl-affidavit tiegħu, kif ukoll viva voce, l-attur xehed illi Carmelo Azzopardi kien zijuh, ossia ħu ommu. Illi l-attur kompla billi xehed li sussegwentement, kienet oħt Carmelo Azzopardi, Maria Camilleri, ossia omm l-attur, illi wirtet lil ħuha Carmelo Azzopardi, u kien għalhekk illi, kif qiegħed jallega l-attur, ir-razzett in kwistjoni spiċċa f'idejh. Illi dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll minn Savlu Micallef u John Micallef fix-xhieda rispettiva tagħhom, fejn huma kkonfermaw ukoll li Carmelo Azzopardi kien ġuvni. Illi barra minnhekk, minkejja li xehed ħu l-attur ossia Charles Camilleri, rigward min wiret u "fuq min waqa" ir-razzett in kwistjoni, in kontro-eżami irriżulta illi dak kollu li xehed fuqu Charles Camilleri, huwa xejn għajr hearsay. … Illi għglahekk ċertament, u b'kull rispett, din ix-xhieda ma tistax titqies bħala waħda kredibbli. Illi f'dan ir-rigward, għandha ssir referenza għal Kap.199 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 2 jiddefinixxi "kerrej" bħala: "kull membru tal-familja li jkun ċessjonarju*

[40] Enfasi ta' din il-Qorti.

*tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun ebda membru bħal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien qed jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih jew ikun il-werriet tal-kerrej". Illi għalhekk, sabiex wieħed jaqa' taħt id-definizzjoni ta' kerrej, irid neċessarjament ikun membru tal-familja hekk definit ai termini ta' l-istess artikolu 2: " 'membru tal-familja' tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, raġel tat-tifla u l-armla tat-tifel sakemm ma terġax tiżżewweġ, tal-kerrej". Illi dan ifisser illi omm l-attur qatt ma setgħet tiret qbiela li kienet tgħajjat lil ħuha Carmelo Azzopardi, li għalhekk ifisser ukoll li l-attur mhux ikkunsidrat bħala inkwilin bi dritt li jiret il-qbiela tar-raba' u r-razzett in kwistjoni a tenur tal-Kap.199 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi lanqas ma jista' jingħad li l-attur kien jgħix ma' l-inkwilin Carmelo Azzopardi fir-razzett in kwistjoni stante li l-imsemmi Azzopardi kien jgħix waħdu mal-bhejjem, u għalhekk, lanqas ma jista' jingħad illi l-attur jista' jippretendi illi ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għandu xi dritt fuq il-kirja msemmija. Illi għalhekk, mal-mewt ta' Carmelo Azzopardi ossia fl-1975, l-inkwilinat ta' l-imsemmi razzett u ta' l-art tal-madwar spiċċa u ġie terminat skond il-liġi. Mill-provi rriżulta wkoll illi wara l-mewt ta' Azzopardi, l-ebda qbiela ma tħallset mill-eredi presuntivi tiegħu*[41].

Filwaqt li għall-konvenuti Ciangura l-attur ma għandu l-ebda titolu fuq ir-razett in kwistjoni u l-art ta' madwaru, jikkontendu li huma għandhom titolu ta' lokazzjoni validu fuq l-istess in forza ta' skrittura datata 9 ta' Frar 1993 u fir-rigward jissottomettu li *fid-9 ta' Frar 1993, l-esponenti ffirmaw kuntratt mal-Kurja Arċiveskovili li permezz tiegħu huma krew ir-razzett ta' Għajn il-Klieb, fil-limiti tas-Salvatur, ir-Rabat, Malta, b'numru ta' referenza 4804/0290/0003, li però llum inbidel għal 1106/1301/0011. Illi kif tixhed din l-iskrittura a fol. 8 tal-proċess, kien W.R. Mons. Carmelo Zammit li deher fuq tali kuntratt għan-nom tal-Kurja Arċiveskovili bħala l-lokatur. Illi għalhekk, permezz ta' tali kuntratt, dan ir-razzett, ossia dak ta' Għajn il-Klieb, limiti tas-Salvatur, Rabat, inkluż l-art tal-madwar, ġew konċessi lill-esponent Charles Ciangura b'titolu ta' kera versu kera fl-ammont ta' Lm100 fis-sena, liema fatt huwa kkonfermat ukoll b'numru ta' riċevuti preżentati da parti ta' l-esponent stess. Barra minnhekk, l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, u llum l-Uffiċċju Konġunt, jirrikonoxxu lil Charles Ciangura bħala l-kerrej, u ħadd aktar, tant li fis-seduta ta' l-1 ta' April 2003, u dan kif jixhed il-verbal ta' l-istess seduta, l-esponenti u l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof konġuntivament iddikjaraw illi "l-konjuġi Ciangura jħallsu l-qbiela tar-razzett in kwistjoni u r-raba' miegħu anteċedentement lil Kurja Arċiveskovili u llum il-Joint Office u dan ilu jsir mid-9 ta' Frar 2003". Illi għalhekk, is-sid stess, ossia l-Uffiċċju Konġunt, jirrikonoxxi lil Charles Ciangura bħala l-inkwilin tiegħu u mhux lill-attur Francesco sive Cikku Camilleri. Illi tali fatt ġie kkonfermat ukoll minn Giovanni Demartino, uffiċjal fil-Property Administration Section ta' l-Uffiċċju Konġunt fix-xhieda tiegħu ta' nhar il-11 ta' April 2005. Illi tajjeb li jingħad li permezz ta' rikors preżentat mill-attur sussegwentement għal din ix-xhieda, l-attur ikkontesta x-xhieda ta' Giovanni Demartino abbażi tal-fatt illi huwa allega li s-Sinjur Demartino ma kienx għadu impjegat ma' l-Uffiċċju Konġunt meta ingħatat tali xhieda. Illi però f'xhieda mogħtija minn Vincent Gilson fis-seduta tat-22 ta' Frar 2010, ġie ikkonfermat illi Giovanni Demartino kien ittermina l-impjieg tiegħu ma' l-Uffiċċju Konġunt fit-12 ta' Lulju 2005. Illi għalhekk, ix-xhieda mogħtija mill-istess Giovanni Demartino hija waħda valida u li din l-Onorabbli Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni. Illi t-titolu ta' l-esponenti ġie kkonfermat ukoll minn Karl Borg, rappreżentant ta' l-Awtorità ta' l-Artijiet fis-seduta tat-18 ta' Frar 2019, fejn xehed illi*

[41] Para. 4 sa' 13 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti Ciangura, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2023.

*Charles Ciangura jikri r-razzett mertu ta' din il-kawża, u dan kif jidher ukoll mis-site plan ippreżentata mill-istess xhud*[42].

Kuntrarjament għal dak sottomess mill-konvenuti Ciangura fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom però, l-attur ma huwiex qed jibbaża t-titolu ta' qbiela tiegħu fuq ir-razzett in kwistjoni u l-art ta' madwaru esklussivament *ope legis*, iżda qed jibbaża tali titolu fuq ftehim li kien ġie milħuq bejn ommu u l-Monsinjur Carmelo Xuereb fl-1976 wara l-mewt ta' Carmelo Azzopardi, fuq ir-rikonoxximent ta' tali titolu da parte ta' sid/l-amministratur tal-proprjetà in kwistjoni, fuq il-ħlasijiet effettwati u riċevuti maħruġa kemm da parte tal-Katidral ta' Malta kif ukoll ta' l-Uffiċċju Konġunt.

Il-fethim milħuq bejn omm l-attur, Maria Camilleri, u l-Monsinjur Carmelo Xuereb bħala amministratur tar-Reverendu Kapitolu tal-Katidral ta' Malta, jirriżulta mix-xhieda mogħtija minn Raymond Bonnici, Property Manager mal-Kurja, waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2004[43].

Huwa xehed illi *in rigward il-każ in eżami, għall-ħabta ta' Novembru 1997 kien kellimni s-Sur Vincent Ciliberti, li dak iż-żmien kien jagħmilha ta' Surveyor fil-Kurja. Dan spjegali li, vis-à-vis Charles Ciangura kien hemm ftehim ta' lokazzjoni iffirmat, u dan bejn Monsinjur Carmelo Zammit u l-istess Charles Ciangura. Dan il-ftehim kien jikkonċerna razzett, però dwar il-lokalità ma nafx kemm jista' jkun li niċċara dwar l-isem ta' l-istess lokalità. Dwar dan il-ftehim però għandi kopja u ser nesebiha issa stess* - fol. 172 u 173 tal-proċess. *Fil-fatt ma' l-istess skrittura ta' lokazzjoni ser nesebixxi l-pjanta li hi ffirmata ukoll minn Monsinjur Zammit li kienet annessa mal-ftehim* - fol. 175 tal-proċess - *u l-pjanta tar-razzett li saret mill-istess Vincent Ciliberti* - fol. 174 tal-proċess. *Fil-fatt ma' l-istess skrittura konna bagħtna wkoll il-formola lill-Joint Office w issa ser nesebixxi kopja ta' l-istess formola* - fol. 171 tal-proċess. *Is-Sur Ciliberti kien spjegali li mar-razzett kien hemm biċċa art però meta kien sar il-ftehim ta' lokazzjoni ma ġiex speċifikat kemm kienet kbira din l-art. Is-Sur Vincent Ciliberti kompla biex jgħidli li hu kien ukoll xhud fl-imsemmija skrittura. Hu kien spjegali li meta saret l-iskrittura, kien hemm l-intenzjoni li madwar ir-razzett kien hemm art inkluża fl-iskrittura, però din l-art ma ġietx identifikata u għalhekk is-Sur Vincent Ciliberti xtaq li jagħmel pjanta sabiex meta nibgħatu l-karti lill-Joint Office jkun hemm inkluża wkoll l-art in kwistjoni. Fil-fatt iddiskutejtha jiena mas-Sur Ciliberti w eventwalment saret il-pjanta. Fil-fatt jekk wieħed jagħmel referenza għall-pjanta li esebejt illum, din tinkludi wkoll l-art li kellha tkun annessa mar-razzett. Fil-fatt fuq din hemm indikat ukoll extent of boundary wall Dan il-boundary wall fil-fatt meta saret il-pjanta ma kienx jeżisti u kellu jinbena wara.*

Bonnici xehed ulterjorment illi *nixtieq nispjega li meta saret l-iskrittura kien hemm xi affarijiet li ma kienux korretti, per eżempju l-art kienet tappartjeni lill-Katidral ta' l-Imdina u mhux lil-legat Tomaso Bonnici anness mal-Cassa Animo Purganti tal-parroċċa tar-Rabat. Dwar dan l-iżball konna informajna lill-Joint Office. Nixtieq ngħid ukoll li s-Sur Charles Ciangura kien qed jippretendi li l-art li jiża mar-razzett ma hijiex dik biss indikata fuq il-pjanta magħmula mis-Sur Ciliberti, iżda kienet tinkludi art akbar, anzi l-art kollha. Jidher li għal ftit żmien is-Sur Ciangura kien aċċetta s-sitwazzjoni skond il-pjanta però ftit wara jidher li hu interpreta l-ftehim ta' lokazzjoni mod ieħor u għalhekk għamel il-kawża l-oħra li llum ġiet terminata. In oltre minn informazzjoni ulterjuri li ottenejna mill-Katidral jidher li kien hemm persuna oħra li kriet fin-1976, art fl-inħawi li kienet ukoll tinkludi r-razzett in kwistjoni. Issa ser nesebixxi fuq dan il-punt kopji ta'*

[42] Para. 14 sa' 23 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti Ciangura, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2023.

[43] Fol. 165 sa' 170 tal-proċess.

*dokumenti dwar informazzjoni li ottenejna mill-Katidral ta' Malta ta' l-Imdina. Hawnhekk hawn inkluża din l-iskrittura li kienet saret fin-1976. Kif jidher mill-istess skrittura, din kienet saret minn Monsinjur Carmelo Xuereb u l-kirja kienet saret lil Marija Gużeppa sive Gużeppa Maria Camilleri mart Francis Camilleri u dan bħala waħda mill-eredi ta' ħuha Carmelo Azzopardi. ... Jidher li għalhekk, Monsinjur Carmelo Zammit meta għamel il-lokazzjoni fin-1993, ma kienx jaf bl-iskrittura preċedenti favur Camilleri. ... Il-file in kwistjoni, oriġingarjament, kellu n-number 480402900003. Fil-fatt issib dan in-numru fuq l-iskrittura li saret ma' Carmelo Ciangura. Nixtieq nispjega li l-ewwel erba' numri jirreferu għall-entità ekklesjastika li tkun proprjetarja tal-post in kwistjoni. F'dan il-każ 4804 jirreferi għall-parroċċa ta' San Pawl fir-Rabat. Sussegwentement, minħabba dak l-iżball li semmejt, vis-à-vis il-Katidral ta' Malta, infetaħ file ieħor b'numru differenti. Dan il-file għandu żewġ numri, l-ewwel wieħed hu E/17 98 u l-ieħor huwa 110613010011. In rigward l-iskrittura favur Camilleri, kien ikun diffiċli għall-Monsinjur Carmelo Zammit sabiex jottjeni din l-informazzjoni peress li kienet tinsab f'file differenti għand il-Katidral ta' l-Imdina. Nikkonferma li fil-file li rajt, illi fil-post in kwistjoni, xi sena qabel ma saret din il-lokazzjoni ma' Camilleri, kien inqatel jew miet Carmelo Azzopardi li jiġi ħu omm Camilleri. L-aħħar file li għamilt referenza għalih, infetaħ riċentement cioè fin-1998. Dwar irċevuti ta' ħlas ta' qbiela għal dawn l-aħħar mitejn sena, l-informazzjoni qegħda għand il-Katidral ta' Malta. Minn dawn hu inkarigat il-Monsinjur Innocenzo Borg. Nikkonferma li jiena kont ktibt ittra lill-Joint Office fil-5 ta' Jannar 2001. Fil-fatt kopja ta' din l-ittra hija esebita ma' l-affidavit ta' l-attur li tinsab in atti* - fol. 126 tal-proċess. ... *F'din l-ittra jingħad illi n-numru oriġinali ta' file 480402900003 kien qed jirreferi għall-art magħrufa bħala Ta' Segura sive Tas-Salvatur u mhux għall-art in kwistjoni koperta bl-iskrittura vis-à-vis Ciangura. Nixtieq nispjega li l-Joint Office beda joħroġ irċevuti favur Carmelo Ciangura bin-numru oriġinali. Aħna għidnilhom sabiex joħroġu dawn l-irċevuti fuq in-numru korrett cioè fuq it-tieni numru li semmejt. Qed niġi mistoqsi ngħid minn fejn ġibt dak kollu li huwa imniżżel f'din l-ittra. Dwar dan ngħid li ma niftakarx eżatt iżda jista' jkun li kellimni s-Sur Ciliberti. Però meta kien ġieni d-dubju dwar il-korrettezza dwar dak li sar, jiena qabbadt wieħed mill-impjegati tagħna sabiex jagħmel ir-riċerki. Għalhekk kont ġejt informat li effettivament il-post in kwistjoni kien proprjetà tal-Katidral ta' Malta. Mas-Sur Ciangura, il-konvenut, kont iltqajt miegħu diversi drabi. Aħna konna ndunajna b'dan l-iżball, fil-fatt jidhirli, wara li kienet il-kawża oriġinarli, illum terminata, mill-istess Ciangura. Fil-fatt f'waħda mil-laqgħat li kelli ma' Ciangura għidtlu "isma inqalgħet problema, sibna li l-art in kwistjoni ma kienitx kif murija fl-iskrittura tiegħu iżda proprjetà tal-Katidral ta' Malta". Informajtu wkoll bl-iskrittura li saret favur Camilleri mill-Katidral. Jiena kelli l-impressjoni li ż-żewġ naħat involuti, cioè Ciangura u Camilleri, ma kienux disposti li jċedu xi ħaġa. It-tnejn komplew jippretendu li għandhom titolu fuq ir-razzett u art. Jiena ma nkunx naf jekk iż-żewġ pretendenti ħallsux it-tnejn, il-qbiela lill-Joint Office. Ma naħsibx li għandi l-awtorità ngħid lis-Sur Ciangura sabiex jitlaq mill-post. Però aħna ġbidna l-attenzjoni tas-Sur Ciangura dwar dak li ġara, kif ġie spjegat digà. Jiena ma niftakarx il-wiċċ ta' l-attur. Però jidhirli li ltqajt jew mas-Sur Camilleri jew ma' xi membru tal-familja tiegħu. Ma għandi l-ebda record ta' x'jismu dak li ltqajt miegħu bħala membru tal-familja ta' Camilleri.*

Il-ftehim li għalih jagħmel referenza Raymond Bonnici, iffirmat bejn Monsinjur Carmelo Xuereb bħala amministratur tal-Katidral ta' Malta u Maria Giuseppa Camilleri, omm l-attur, esebit a fol. 177 tal-proċess, jipprovdi li l-imsemmi Monsinjur Xuereb fil-kapaċità imsemmija *jirrikonoxxi lis-Sinjura Giuseppa Maria sive Maria Giuseppa mart Francis Camilleri (li hija waħda mill-eredi ta' ħuha Carmelo Azzopardi) bħala inkwilina tiegħu tar-raba' magħruf "Tas-Salvatur" fil-limiti tar-Rabat, cioè ta' dik il-parti ta' l-istess raba' li kien jaħdem l-imsemmi Carmelo Azzopardi u li fiha sitt itmiem cirka,* ***kif ukoll tas-***

***sehem tar-razzett li kellu l-istess Carmelo Azzopardi***[44], *min-naħa l-oħra li taċċetta u dana b'dawn il-pattijiet: 1. Bil-qbiela li kien iħallas l-istess Carmelo Azzopardi. 2. Bl-istess drittijiet u obbligi tiegħu limitatament però għall-imsemmi parti tar-raba'. 3. Is-Sinjura Camilleri hija meħlusa mis-solidarjetà u indivisibilità għar-rigward tal-kumplament ta' l-imsemmi raba' "Tas-Salvatur" li dwaru s-sid se jkollu relazzjonijiet diretti ma' dawk li kienu ko-inkwilini ta' l-imsemmi Carmelo Azzopardi. Jekk jitfaċċaw xi ko-eredi oħra ta' l-imsemmi Azzopardi u jippretendu li għandhom dritt f'dina l-lokazzjoni, is-Sinjura Camilleri tobbliga ruħha li taċċetta li dawna jkollhom sehem tagħhom f'din il-preżenti lokazzjoni. Fl-istess ħin qegħdin jidhru fuq din l-iskrittura Gianni Agius, bin Giuseppe, imwieled u joqgħod ir-Rabat, gabillott, u Antonio Borg, bin Benedett, imwieled u joqgħod fil-limiti tar-Rabat, gabillott, li jiddikjaraw li huma jagħtu il-kunsens tagħhom għall-preżenti lokazzjoni u fl-istess ħin jiddikjaraw ukoll li qegħdin jirċievu mingħand is-Sinjura Camilleri s-somma ta' tnejn u sebgħin lira Maltin u sebgħhin ċenteżmu (Lm72.70) għas-saldu ta' kull pretensjoni ta' kumpens ta' kull pretensjoni oħra relativi għar-raba' formanti l-oġġett tal-preżenti lokazzjoni u dana sija fir-rigward tagħha u sija fir-rigward tal-Kapitolu tal-Katidral ta' Malta. Fl-aħħarnett qegħdin jidhru wkoll fuq dina l-iskrittura privata Francesca Gauci, armla ta' Salvatore, u Giuseppe Azzopardi, ulied il-mejtin Giuseppe Azzopardi u Carmela neè Micallef, imwielda r-Rabat u joqgħodu Fracesca r-Rabat u Giuseppi l-Imġarr, li huma tnejn mill-eredi ta' l-imsemmi Carmelo Azzopardi, u dawn jiddikjaraw li huma m'għandhom l-ebda pretensjoni għar-rigward tal-lokazzjoni preżenti.*

Mistoqsi jekk Carmelo Azzopardi kienx iħallas qbiela fuq ir-raba' u qbiela oħra fuq ir-razzett, Raymond Bonnici ma kienx jaf jirrispondi stante li l-inkartament relattiv għal Carmelo Azzopardi kien jinsab il-Katidral ta' Malta. In kontro-eżami Bonnici stqarr ukoll illi *qed niġi mitlub jekk hux possibbli nikkonferma li fl-art rimanenti, fil-fatt hi mikrija lil Camilleri, hemmx xi kmamar jew razzett. Minn dak li rajt fil-file, fil-fatt, ir-risposta hija fil-pożittiv. Ma nistax neskludi b'referenza għall-iskrittura esebita llum u magħmula mill-Monsignur Carmelo Xuereb li b'referenza għal kliem "isem* [recte: sehem] *tar-razzett" li dan kien qed jirreferi għal razzett ieħor u mhux għal dak allegatament mikri lil Ciangura. … Qed niġi mitlub ngħid xi kmamar hemm fuq is-sitt itmiem raba'. Dwar dan ma nistax nixhed peress li jiena ma mortx fuq il-post. Fuq dan jista' jixhed rappreżentant tal-Katidral ta' l-Imdina.*

F'dawn il-proċeduri xehdu wkoll Monsinjur Innocenzo Borg u l-Kanonku Guzeppe Zammit għall-Katidral ta' l-Imdina.

Monsinjur Innocenzo Borg[45] xehed illi *hawnhekk ser nesebixxi dokument li diga huwa esebit minn atti. Dan id-dokument li ser nesebixxi hu datat 15 ta' Mejju 1998, intestat Katidral ta' San Ġwann u huwa miktub minni stess* - fol. 191 u 192 tal-proċess. *Jiena naf lill-attur li qed nara preżenti fl-awla. Fuq dan id-dokument hemm imniżżel li omm l-attur, Marija Guzeppa Camilleri, kienet tħallas qbiela ta' ħames liri Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm5.62,5). Fuq l-għalqa Tas-Salvatur. Fuq id-dokument fil-fatt din l-għalqa hija ndikata bħala art. Ma' dan id-dokument li ser nesebixxi hemm ukoll annessa skrittura privata li ser nesebixxi wkoll, fotokopja* - fol. 194 tal-proċess. *Din l-iskrittura privata kienet saret minn Monsinjur Carmelo Xuereb. Skond dan l-aħħar dokument jidher li Marija Guzeppa Camilleri kienet ħadet l-għalqa mingħand ħuha, anzi is-sehem ta' ħuha Carmelo Azzopardi. Meta jiena għamilt l-ewwel dokument li esebejt, jiena kont uffiċjalment Capo Ufficio ta' l-Amministrazzjoni tal-Katidral ta' San Ġwann.*

[44] Enfasi tal-Qorti.

[45] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2004, fol. 187 sa' 190 tal-proċess.

*Jiena ngħid li l-art u r-razzett kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Katidral direttament. Fil-fatt l-attur u anke ommu baqgħu jħallsu lill-istess Katidral il-qbiela u dan sakemm l-art in kwistjoni, kollha kemm hi, għaddiet għand il-Joint Office. Mingħalija l-art għaddiet għand il-Joint Office fin-1993. Ma jidhirlix li kien hemm xi awtorità oħra tal-Knisja li setgħet kellha xi forma ta' kontroll fuq din l-art qabel l-1993. Lill-konvenut li qed nara preżenti fl-awla jiena qatt ma rajtu qabel u naħseb li qatt ma ġie l-Uffiċċju. Hawnhekk l-avukat difensur ta' l-attur qed jurini skrittura gia esebita in atti u li hija datata 9 ta' Frar 1993. Hawnhekk qed neżmina din l-iskrittura, liema skrittura saret bejn Monsinjur Caremlo Zammit u l-konvenut. Dina m'għamilthiex jien u ma jidhirlix li l-uffiċċju tagħna f'San Ġwann kien b'xi mod involut fiha. Mhix iffirmata jew minni jew minn xi ħadd minn ta' l-Uffiċċju. Din l-iskrittura tidher li saret għan-nom tal-Kurja. Fil-fatt hija ffirmata mill-Kanċillier Monsinjur Philip Calleja u mill-Vigarju Dun Annetto Depasquale. L-art in kwistjoni, b'referenza għall-iskrittura li qed nara issa fil-fatt, il-Knisja tar-Rabat m'għandha x'taqsam xejn ma' l-art in kwistjoni. Lanqas il-Katidral fl-Imdina m'għandu x'jaqsam ma' din l-art. Fil-fehma tiegħi għalhekk l-iskrittura tirreferi għal art oħra. Jiena għalhekk ngħid illi in rigward dik l-iskrittura li esebjet jiena għal-lum l-istess art li hemm indikata ma setgħetx tiġi mgħoddija lill-konvenut minn Monsinjur Carmelo Zammit almenu mingħajr ma jinfurmana.*

Mid-dokument esebit minn Monsinjur Borg a fol. 191 u 192 tal-proċess jirriżulta s-segwenti: *mir-reġistri tagħna jirriżulta li permezz ta' skrittura privata tat-13/8/1976 kien miftiehem li Maria Giuseppa Camilleri kellha tħallas Lm5.62,5 qbiela fis-sena fuq art "Tas-Salvatur", Rabat. Wara l-mewt tagħha fit-2/3/1991, binha, Francis Camilleri, baqa' jħallas dan il-qbiela bħala eredi sakemm din il-proprjetà għaddiet għand il-Gvern fin-1993. ... L-ishma ta' l-aħwa wlied Giuseppi Azzopardi rigwardanti l-art Tas-Salvatur, wara l-mewt ta' Carmelo Azzopardi waqgħu fuq M'Giuseppa Camilleri. Wara l-mewt ta' M'Giuseppa Camilleri (d. 2/3/91) ir-raba' waqa' fuq Frenc Camilleri (bil-kunsens ta' ħutu) bħala eredi u dan baqa' jħallas sakemm il-proprjetà għaddiet għand il-Gvern.*

Il-Kanonku Guzeppe Zammit[46] xehed illi *jiena naf lill-attur li qed narah preżenti fl-awla bħala wieħed mill-gabillotti tal-Katidral. Hawnhekk qed nirreferi għall-Katidral ta' l-Imdina. Fil-fatt dak li jirrigwarda l-artijiet però, l-art appartenenti cioè li kienet tappartjeni lill-Katidral ta' l-Imdina hija amministrata mill-Katidral ta' San Ġwann. Hawnhekk qed nirreferi għall-fotokopja ta' skrittura esebita llum stess minn Monsinjur Innocenzo Borg datata 15 ta' Mejju 1998 u ntestata St. John's Co-Cathedral, iffirmata Francis Camillieri, Emanuel Vella, kif ukoll minn Monsinjur Innocenzo Borg. Jiena, fil-fatt, assistent amministratur fil-Konkatidral ta' San Ġwann ili nokkupa gia minn 1957 din il-kariga. Il-kap tiegħi cioè l-prokuratur kien il-Monsinjur Innocenzo Borg. In rigward l-istess art din oriġinarjament kienet ta' ċertu Giovanni Agius però fin-1957, 28 ta' Settembru, l-art ġie imqabbla lil Carmelo Azzopardi, fi kliemi stess sub-entrò. Carmelo Azzopardi kien miet u dehret oħtu Marija Guzeppa Camilleri. Niftakar li bi ftehim bonarju li kien sar il-Qorti, Marija Guzeppa Camilleri kienet daħlet bħala eredi ta' Carmelo Azzopardi ħuha. Fil-fatt il-qbiela tħallas regolarment minn Marija Guzeppa Camilleri. Wara li din mietet beda jidher Francesco Camilleri. Fil-fatt ma' l-iskrittura li qed nagħmel referenza għaliha gia esebita hemm dikjarat illi wara l-mewt ta' ommu binha Francesco Camilleri, l-attur, baqa' jħallas dan il-qbiela. L-iskrittura tirreferi għall-art tas-Salvatur ir-Rabat. Mistoqsi mill-Qorti, ngħid li kull biċċa art hemmhekk, Tas-Salvatur, għandha razzett magħha, cioè biċċa mir-razzett tas-Salvatur. Qabel il-Monsinjur Innocenzo Borg, bħala prokuratur tal-beni tal-Kon-Katidral Ta' San Ġwann kien hemm Monsinjur Carmelo Xuereb. Fid-19 ta' Frar 1993 l-art, bir-razzett, kienet*

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2004, fol. 196 sa' 200 tal-proċess.

*għaddiet għand il-Joint Office. Ma' din l-iskrittura hemm annessa lista ta' artijiet. Fuq din il-lista hemm indikati l-artijiet li għaddew għand il-Joint Office, bil-pagaturi tal-qbiela wkoll u bl-indirizz tagħhom* - fol. 195 tal-proċess. *In rigward Carmelo Ciangura, li qed nara preżenti fl-awla, jiena qatt ma rajtu. Mir-reġistri tagħna ma jirriżultax li Carmel Ciangura qatt ħallas xi qbiela lilna fil-Kon-Katidral. Il-qbiela, in rigward l-art u sehem tar-razzett in kwistjoni, dejjem baqgħet titħallas minn Marija Guzeppa Camilleri sakemm għaddiet lill-Joint Office.*

Il-Kanonku Zammit xehed ulterjorment illi *dak iż-żmien kien hemm il-proċedura illi f'każ li art titbatta, ħlief f'każ meta jkun hemm eredi, kienet tintervjeni l-Kurja u kienet il-Kurja stess li tistabilixxi f'dan il-każ tat-tbattil, il-quantum tal-qbiela. Però l-kurja kienet tibgħat il-ftehim lill-amministrazzjoni, f'dan il-każ, tal-Kon-Katidral. Il-ftehim kien jinqara mill-monsinjur, cioè l-prokuratur, quddiem l-inkwilin u jekk ikun hemm aċċettazzjoni ssir il-firma. Wara li tiġi ffirmata l-iskrittura, dik iffirmata tintbagħat lura il-Kurja, kopja tingħata lill-inkwilin u kopja tinżamm fl-uffiċċju. Fil-każ in eżami ma nafx li ġara hekk. M'hemm xejn fir-reġistri tagħna li jindika li kien sar xi ħlas minn Carmelo Ciangura. Hawnhekk issirli referenza wkoll … għall-iskrittura tad-9 ta' Frar 1993 già esebita in atti. Ma' din l-iskrittura l-Katidral ma kellha x'taqsam xejn. Jiena ngħid li din l-iskrittura, li saret ma' Carmelo Ciangura, mhux qed tirreferi għall-istess art li xhedt qabel fuqha. Fuq il-post kont mort. Dana ili ħafna. Hawnhekk qed niġi muri site plan bħal dak a fol. 128 ta' l-atti u ma nistgħax nindika fuq dan is-site plan, peress illi hu żgħir, fejn hi l-art in kwistjoni.*

Da parte tal-Joint Office kien xehed Giovanni Demartino[47] fejn iddikjara li *jiena wieħed mill-uffiċjali li hemm fil-Property Administration Section tal-Joint Office. In rigward l-assenjazzjoni da parti mill-Kurja tal-post in kwistjoni lill-konvenut, fil-ftehim hemm imniżżel konċessjoni ta' kera lill-istess Ciangura ta' art fil-limiti ta' Għajn Klieb fil-limiti Tas-Salvatur ir-Rabat. Il-ftehim bejn il-Kurja u s-Sur Ciangura sar fid-9 ta' Frar 1993. … Hemm indikat fl-istess ftehim illi s-Sur Ciangura għandu juża l-post in kwistjoni bħala razzett u mhux għal skop ieħor. Ma nistghax nirrispondi għad-domanda li qed issirli fis-sens jekk nistgħax ngħid li l-Kurja fuq din l-art ma kellha l-ebda ġurisdizzjoni. In rigward l-art in kwistjoni fil-Joint Office hemm diversi files. Hemm tnejn jirreferu għall-qbiela, ieħor in rigward kera. Jiena llum ma ġibtx files imma ġibt notamenti li għamilt minn fuq l-istess files. Id-dokument li esebejt illum jirreferi għall-file partikolari li huwa ta' kera fuq il-post in kwistjoni. Qabel ma ġie konċess lil Ciangura jien ma nafx jekk kienx hemm konċessjonarji oħrajn dwar l-istess razzett. In rigward Carmelo Camilleri naf li dan kien issemma però m'għandi l-ebda informazzjoni fuqu. Issa ser nixhed in rigward Francesco Camilleri. Hemm file li jirreferi għall-art jgħidulha Ta' Għajn Klieb f'Tal-Fiddien, Tas-Salvatur, limiti tar-Rabat. Din hemm indikat illi hemm qbiela favur f'isem l-eredi ta' Giuseppe Maria Camilleri. Jiena ngħid li l-artijiet li qiegħed nagħmel referenza għalihom m'humiex l-istess in vista' li waħda hija ndikata bħala kera u l-oħra hija indikata bħala qbiela. Meta qed nirreferi għall-kera, qed nirreferi għar-razzett biss. Meta qed nirreferi għall-kera qed nirreferi għall-artijiet. In rigward l-informazzjoni li ġibt illum m'għandi l-ebda referenza għall-Katidral ta' San Ġwann li għaddiet l-art in kwistjoni lill-Gvern matul in-1993. Jista' jkun li fil-file relattivi jkun hemm xi dokument dwar dan.*

Mid-dokumenti esebiti mill-Prokuratur Legali Alan Scicluna, in rappreżentanza ta' l-Uffiċċju Konġunt, waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2016 u markati Dok. "AS1"[48], fejn

[47] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2005, fol. 218 sa' 221 tal-proċess.

[48] Fol. 488 sa' 833 tal-proċess.

fosthom hemm il-file, jew aħjar fotokopja tal-file ta' l-istess Uffiċċju Konġunt relattivament għal Francesco Camilleri, jirriżulta li l-attur ġie rikonoxxut mill-Uffiċċju Konġunt minflok ommu Marija Giuseppa Camilleri għat-titolu li hija kellha fuq l-art u s-sehem tar-razzett ta' Carmelo Azzopardi konċess lilha fl-1976. A fol. 593 tal-proċess hemm minuta, senjatament il-minuta numru 23 datata 9 ta' April 1998, fejn hemm imniżżel li *you may accept qbiela from Mr. Francis Camilleri as indicated by previous minuta for land Tas-Salvatur Rabat*. Sakemm seħħ dan ir-rikonoxximent l-Uffiċċju Konġunt xorta waħda baqa' jirċievi l-ħlasijiet u joħroġ l-irċevuti hekk kif jirriżulta mill-irċevuta a fol. 585 tal-proċess datata 18 ta' Awwissu 1995 li kienet tkopri l-perijodu mis-16 ta' Awwissu 1994 sal-15 ta' Awwissu 1995, l-ewwel perijodu wara li l-proprjetà għaddiet għand l-Uffiċċju Konġunt. Kif imbagħad l-attur ġie rikonoxxut huwa effettwa ħlas għall-perijodu 16 ta' Awwissu 1995 sal-15 ta' Awwissu 1998, liema ħlas ġie kopert bl-irċevuta a fol. a fol. 668 tal-proċess. Il-ħlasijiet sussegwenti saru u ħarġu l-irċevuti relattivi wkoll.

Karl Borg, in rappreżentanza ta' l-Awtorità ta' l-Artijiet, reġa' ppreżenta l-Annex 8 relattiva għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà bir-referenza 1106/1301/0003 f'isem l-eredi ta' Giuseppi Maria Camilleri, il-ftehim iffirmat bejn Monsinjur Carmelo Xuereb u Maria Giuseppa Camilleri fit-13 ta' Awwissu 1976, il-pjanta ta' l-art aġrikola konċessa b'dak il-ftehim, rendikont tal-ħlasijiet effettwati minn Camilleri fl-ammont ta' €13.11 (ekwivalenti għal Lm52.62,5) relattivament għal Għajn Klieb, Tal-Fiddien Salvatur, Rabat, Malta, kif ukoll rendikont tal-ħlasijiet effettwati mill-konvenut Ciangura fl-ammont ta' €232.94 (ekwivalenti għal Lm100.00) relattivament għar-Razzett "Ta' Sebula" Ta' Għajn il-Klieb, Tas-Salvatur, Rabat, Malta, u l-Annex 8 relattiva għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà bir-referenza 1106/1031/0011 f'isem Charles Ciangura, u site plan li tindika l-proprjetà relattiva - Dok. "KB" sa' Dok. "KB5" a fol. 1119 sa' 1127 tal-proċess.

Bord iddikjara li dawn il-proprjetajiet huma *kompletament differenti. Fil-fatt jekk trid l-informazzjoni wkoll li għandna għal Ciangura hija proprjetà urbana u mhijiex qbiela fejn qed nitkellmu fuq ir-razzett u hawnhekk għandna l-informazzjoni wkoll fejn għandna l-qbiela. … Kif għidtlek mhijiex qbiela. Hija mikrija għadna bħala qbiela imma. Infatti jekk tinnota hija proprjetà urbana u fejn hemm kera hija kera residenzjali u mhijiex kera ta' qbiela. … Mar-razzett mill-pjanta* - Dok. "KB5" a fol. 1127 tal-proċess - *jidher li hemm biċċa art żgħira jew boundary wall kif kien qabel. Hawnhekk għandek 31 pied fuq naħa u 26 pied fuq naħa oħra. … Hija biċċa għalqa, il-biċċa art li jkun hemm mar-razzett.* Mistoqsi jekk fuq l-art konċessa lill-attur hemmx razzett, Karl Borg wieġeb *ma nistgħax ngħidelk. Biss mill-informazzjoni li għandna u mill-informazzjoni li tajtek hija qbiela imniżżla* u għall-mistoqsija tal-Qorti *li jfisser li tkun art biss f'dak il-każ hux hekk?* Borg wieġeb *iva hekk jidher. Mill-pjanta jew hekk ma jidhirx li hemm.* Mistoqsi mid-Difensur tal-konvenut Ciangura *u anke mill-iskritturi li hemm ma jidhirx li hemm razzett imniżżel hux hekk?* Borg wieġeb *le ma jidhirx lanqas… art biss li tidher.*

A bażi tal-fatt li qed tiġi ventilata l-ipotesi li si tratta ta' proprjetajiet differenti, ossia l-attur għandu qbiela ta' l-art filwaqt li l-konvenuti Ciangura għandhom il-kera tar-razzett, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jikkontendu li *milli provi prodotti tul il-prosegwiment tal-kawża rriżulta bl-aktar mod ċar illi l-artijiet in kontestazzjoni mhumiex l-istess, cioè illi qegħdin nitkellmu fuq artijiet separati minn xulxin. … Mid-dokumenti …. Dok. KB1 u Dok. KB2 joħroġ ċar illi verament il-proprjetà in kwistjoni hija għal kollox differenti, b'dan illi Dok. KB1 li jgħajjat lill-attur Francis Camilleri jirrigwarda l-proprjetà f'Għajn Klieb, Tal-Fiddien Salvatur, Rabat, Malta, filwaqt illi Dok. "KB2" li jgħajjat lill-esponent Charles Ciangura jirrigwarda l-proprjetà f'Razzett Ta' Sebula, Ta' Għajn il-Klieb, Tas-Salvatur, Rabat, Malta. Illi barra minn hekk, tali dokumenti jirreferu għal reference numbers ta' proprjetajiet differenti tant illi Dok. "KB1"*

*jirreferi għal proprjetà J49519 u Dok. "KB2" jirreferi għal proprjetà J60526. Illi għalhekk huwa ċar daqs il-kristall illi ż-żona li fiha tinsab l-għalqa mlaqqma lill-attur m'għandha assolutament xejn x'taqsam ma' l-art u r-razzett mertu ta' din il-kawża u li oriġinarjament kienet imqabbla lil Carmelo Azzopardi u li kien jaħdem minnha l-esponent Ciangura, u wara l-mewt ta' Azzopardi ġiet mogħtija b'titolu ta' kera direttament lill-esponenti mill-Kurja Arċiveskovili u sussegwentement mill-Uffiċċju Konġunt. Illi tajjeb li wieħed jirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' Ġunju 2008, liema sentenza ġiet preżentata mill-esponent, fejn il-Qorti iddikjarat illi l-pussess tar-razett Ta' Sebula f'Tas-Salvatur, limiti tar-Rabat, Malta, "żgur li kien f'idejn Charles Ciangura … nhar l-erbatax ta' Mejju 2006". Għaldaqstant ma għandu jkun hemm ebda dubju dwar il-fatt illi huwa Charles Ciangura li kien u għadu jgawdi l-pussess tar-razzett in kwistjoni. Illi għalhekk ma għandu jkun hemm ebda forma ta' dubju illi l-proprjetà li jitkellem fuqha l-attur hija għal kollox separata u differenti minn dik li tagħha għandu l-pussess l-esponenti*[49].

Il-konvenuti Ciangura però konvenjentement jinjoraw ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Perit Godwin Abela esebita a fol. 343 sa' 358 tal-proċess, li tagħti konklużjoni għal kollox differenti, in verità għal kollox opposta, għas-sottomissjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tagħhom.

Fl-imsemmija Relazzjoni l-Perit Tekniku Godwin Abela ikkonstata u kkonkluda s-segwenti: *Aċċessi - L-esponent jirrileva li sija waqt l-aċċess li sar fid-19 ta' Mejju 2006 u sija f'dak li sar fit-22 ta' April 2010, iż-żewġ partijiet indikawlu l-istess razzett bħala l-fond detenut minnhom, l-ebda wieħed ma indika xi razzett jew ambjent differenti ħlief għal kamra żgħira fil-viċinanzi. L-istruzzjonijiet mogħtija lis-surveyors mill-esponent kienu li jiġu mkejlin sija r-razzett indikat miż-żewġ partijiet kif ukoll il-kamra msemmija. Dokumenti Esebiti fl-Atti - Sabiex jipprova jidentifika n-natura tal-kontestazzjoni fis-sens li qed jiġi allegat li l-partijiet għandhom pretensjonijiet fuq żewġ fondi differenti, l-esponent ħa konjizzjoni tas-segwenti dokumenti esebiti fl-atti miż-żewġ partijiet bl-iskop li d-deskrizzjonijiet tal-fondi jew ambjenti pretiżi mill-partijiet jiġu relatati mas-survey li saret fuq il-post. 1) Skrittura datata 9 ta' Frar 1993 li permezz tagħha l-Kurja Arċiveskovili ta' Malta kriet lill-konvenut Charles Ciangura l-art "Ta' Għajn il-Klieb" limiti Tas-Salvatur, Rabat; din l-iskrittura ssemmi razzett però la fiha deskrizzjoni ta' l-art mikrija u wisq anqas pjanta ta' l-istess art; id-dokument jindika referenza bin-numru 4804/0290/0003. 2) Serje ta' riċevuti maħruġin lill-konvenut Charles Ciangura mill-Uffiċċju Konġunt li jindikaw ħlas ta' qbiela fuq Parti A, Klawsura Ta' Sebula, sive Tas-Salvatur, Nigret, Rabat. 3) Irċevuta datata 21 ta' Mejju 1916 maħruġa lil Eugenio Micallef, Giovanni Micallef, Giovanni Galea u Giuseppe Azzopardi għall-ħlas ta' qbiela fuq it-Territorju Tas-Salvatur; dan id-dokument jindika wkoll f'liema porzjonijiet tħallset il-qbiela però ma jindikax min jew a nom ta' min inħarġet l-irċevuta. 4) Serje ta' rċevuti datati mit-23 ta' Novembru 1916 sas-27 ta' Settembru 1919 maħruġin lil Eugenio Micallef, Giovanni Micallef, Giovanni Galea u Giuseppe Azzopardi għall-ħlas ta' qbiela fuq it-Territorju Tas-Salvatur, l-irċevuti kienu konġunti però l-istess irċevuti jindikaw lil Eugenio Micallef ħallas separatament għall-kamra. 5) Serje ta' rċevuti datati mit-30 ta' Mejju 1920 sa' l-10 ta' Frar 1940 maħruġin lil Eugenio u Giovanni Micallef għall-ħlas ta' qbiela fuq it-Territorju Tas-Salvatur, l-irċevuti kienu konġunti u mill-ammont jindikaw li it-territorju ġie diviż, Eugenio dejjem baqa' jħallas għall-kamra. 6) Serie ta' rċevuti datati mis-6 ta' Ottubru 1940 sat-8 ta' Jannar 1943 maħruġa lil Giovanni Micallef u lil Giuseppe Micallef bħala eredi ta' Eugenio u Giovanni Micallef għall-ħlas tal-qbiela fuq l-*

---

[49] Para. 24 sa' 32 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti Cianguara, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2023.

*istess art già msemmija. 7) Serie ta' rċevuti datati mill-4 ta' Settembru 1943 sal-31 ta' Awwissu 1968 maħruġin lil Giovanni (John) Micallef, eredi ta' Eugenio, għall-ħlas ta' qbiela fuq l-art già msemmija però jidher ukoll illi l-art reġgħet inqasmet u dan mill-ammont imħallas li jinkludi l-kamra. 8) Serie ta' rċevuti datati mid-9 ta' Settembru 1969 sad-19 ta' Settembru 1975 maħruġin lil Eugenia, Francesco u Salvatore aħwa Micallef, eredi ta' Giovanni, għall-ħlas ta' qbiela fuq l-art già msemmija. 9) Serje ta' rċevuti datati mid-9 ta' Awwissu 1978 sal-11 ta' Awwissu 1992 maħruġin mill-Katidral Metropolitan ta' Malta lil Eugenia, Francesco u Salvatore Micallef għall-ħlas tal-qbiela già msemmija. 10) Irċevuta datata 11 ta' Awwissu 1993 maħruġa mill-Uffiċċju Konġunt lil Eugenio, Francesco u Salvatore Micallef għall-ħlas tal-qbiela Tas-Salvatur, din l-irċevuta tindika bħala referenza in-numru 1106/1301/0009. 11) Irċevuta datata 2 ta' Ottubru 1997 maħruġa mill-Uffiċċju Konġunt lil Anthony Sammut u wliedu (eredi ta' Eugenia Micallef), Salvatore u Francesco Micallef għall-ħlas tal-qbiela Tas-Salvatur, din l-irċevuta tindika bħala refrenza in-numru 1106/1301/0009. 12) Dikjarazzjoni notarili li tindika lill-attur Francis Camilleri bħala l-uniku eredi ta' ommu Maria Camilleri li baqa' jgħiżdx fil-fond ma' ommu u li hu biss baqa' jaħdem ir-raba'. 13) Irċevuta datata 18 ta' Awwissu 1995 maħruġa mill-Uffiċċju Konġunt lill-eredi ta' Guzeppi u Maria Camilleri għall-ħlas ta' qbiela Tas-Salvatur, din tindika referenza n-numru 1106/1301/0003. 14) Ċertifikat tal-mewt ta' Maria Camilleri, omm l-attur, li jindika li kienet bint Joseph Azzopardi u Emanuel Micallef. 15) Żewġ ċertifikati dwar Proprjetà Agrikola mgħoddija mill-Awtorità Ekkleżjastika lill-Gvern Malti, li jiddeskrivu l-proprjetà bħala Għajn Klieb Tal-Fiddien, Rabat, liema proprjetà mqabbla lill-eredi ta' Guzeppi u Maria Camilleri, dawn iċ-ċertifikati jindikaw bħala referenza fl-Annex 8 in-numru 1106/1301/0003. 16) Serie ta' tlett irċevuti maħruġin mill-Uffiċċju Konġunt lill-attur Francis Camilleri għall-ħlas tal-qbiela fuq art Tas-Salvatur, Rabat, dawn l-irċevuti jindikaw bħala referenza n-numru A4235/97. 17) Irċevuta datata 25 ta' Jannar 2000 maħruġa mill-Uffiċċju Konġunt lill-konvenut Charles Ciangura għall-ħlas ta' qbiela tal-Part A, Ta' Sebula sive Tas-Salvatur, Nigret, Rabat, dan id-dokument jindika referenza A4525/97. 18) Ittra datata 5 ta' Jannar 2001, mibgħuta lill-Uffiċċju Konġunt mill-Kurja Arċiveskovili fejn qed issir referenza għall-kirja tal-konvenut Charles Ciangura b'dan illi qed issir korrezzjoni għar-referenza murija fl-iskrittura oriġinali biex tinbidel minn 4804/0290/0003 għan-numru 1106/1301/0011 u li l-kirja saret waħda urbana u mhux qbiela; kien hemm annessa wkoll site plan li tindika l-fond li dwaru saret il-korrezzjoni. 19) Ċertifikat dwar Proprjetà Urbana mgħoddija mill-Awtorità Ekkleżjastika lill-Gvern Malti, li jiddeskrivu l-proprjetà bħala Razzett ta' Għajn il-Klieb, Salvatur, Rabat, liema proprjetà mikrija lill-konvenut Charles Ciangura, dan iċ-ċertifikat jindika bħala referenza fl-Annex 8 in-numru 1106/1301/0011. 20) Pjanta tar-razzett mikri lill-konvenut Charles Ciangura magħmula mis-surveyor tal-Kurja kif ukoll site plan ta' l-istess razzett. 21) Skrittura privata datata 13 ta' Awwissu 1976 li permezz tagħha l-Katidral ta' l-Imdina kienet qed tirrikonoxxi lil Maria Camilleri bħala ko-inkwilina ma' ħuha l-mejjet Carmelo Azzopardi u bħala l-eredi tiegħu tar-raba' li kien jaħdem l-istess Carmelo Azzopardi li kien tal-kejl ta' ċirka sitt itmiem u sehem tar-razzett li kien jokkupa u li kienet qed issir lokazzjoni ta' din l-art u tas-sehem tar-razzett favur tagħha. 22) Żewġ pjanti antiki esibiti mill-attur Francis Camilleri li allegatament huma pjanti taż-żona in kwistjoni u cioè Tas-Salvatur, Rabat, però li ma setgħux jaqblu jew jiġu nkwadrati fuq is-survey sheets ta' l-istess żona.*

*Konsiderazzjonijiet - Wara li saru l-aċċessi u s-survey u wara li ħa konjizzjoni tad-dokumenti hawn fuq elenkati, l-esponent jagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet rigwardanti l-vertenza: a) Illi fl-ewwel lok hemm referenza kontinwa għaż-żona magħrufa bħala Tas-Salvatur fil-limiti tar-Rabat, din hija żona ta' ċertu entità li, jekk wieħed iħares lejn is-survey sheet hawnhekk annessa mmarkata Dok. X, wieħed jista' jikkonstata l-kobor tagħha; b) Illi fit-tieni lok din iż-żona tinkludi l-arja magħrufa bħala*

*Ta' Għajn il-Klieb li għaliha hemm ukoll diversi referenzi fil-mori ta' din il-kawża; c) Illi l-attur esebixxa numru konsiderevoli ta' rċevuti maħruġin lill-familja Micallef u oħrajn bejn 1916 u 1993 però ma ġietx spjegata r-relazzjoni bejn din il-familja u Carmelo Azzopardi li kien fil-pussess tal-parti mir-razzett kontestata f'dawn il-proċeduri; d) Illi l-art imqabbla għand il-familja Micallef u oħrajn ġiet diviża diversi drabi matul iż-żmien però ma ġewx esebiti dettalji ta' dawn id-diviżjonijiet ta' l-art; e) Illi ma ġewx esebiti pjanti li jindikaw l-entità u l-konfini preċiżi tad-diversi artijiet mqabblin lill-partijiet f'din il-kawża, l-unika referenza li tiddeskrivi l-art maħduma minn Carmelo Azzopardi kienet tal-kejl ta' ċirka sitt itmiem, tinsab fl-iskrittura li fiha ġiet rikonoxxuta oħtu bħala l-inkwilina wara mewtu (ara para. 21 f'paġna 7); f) Illi r-razzett mertu tal-kawża, li hu dak indikat lill-esponent sija mill-atturi kif ukoll mill-konvenut, jinsab fiż-żona hawn fuq indikata u ġie mkejjel mill-esponent u l-pjanta, hawn annessa mmarkata Dok. XX, ġiet taqbel ma' dik magħmujla mis-surveyor tal-Kurja u esebita fl-atti biex tindika r-razzett mikri mill-Kurja lill-konvenut; g) Illi fid-diversi rċevuti esebiti mill-partijiet hemm referenzi differenti mogħtija mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi għal dik li suppost hi l-istess biċċ' art u cioè: 1106/1301/0009 fl-irċevuti maħruġin lill-aħwa Micallef; 1106/1301/0003 fl-irċevuti maħruġin lill-eredi ta' Maria Camilleri, omm l-attur; 1106/1301/0011 fl-irċevuti maħruġin lill-konvenut Charles Ciangura; h) Illi anke fir-referenzi mogħtija mill-Uffiċċju Konġunt hemm żewġ numru differenti u cioè A4235/97 għal dak li jirrigwarda l-attur u A4525/97 għal dak li jirrigwarda l-konvenut; i) Illi l-kejl u l-pjanti prodotti mill-esponent ġew superimposti fuq is-survey sheet uffiċjali u qablu perfettament kif muri fil-pjanta hawnhekk annessa mmarkata Dok. XXX; j) Illi l-kamra l-oħra mkejla mill-esponent u murija bl-aħdar fuq il-pjanti Dok. XX u Dok. XXX, m'għandha x'taqsam proprju xejn mal-mertu ta' din il-kawza; k)* ***Illi mid-dokumenti esibiti jirriżulta li fil-fatt Carmelo Azzopardi kien fil-pussess ta' parti mir-razzett in kwistjoni tul ħajtu sakemm miet traġikament fis-sena 1974, wara mewtu u cioè fit-<u>13 ta' Awwissu 1976</u>, ġiet rikonoxxuta mill-Katidral Metropolitan ta' Malta, li kienu s-sidien ta' l-art u r-razzett, bħala inkwilina ta' dik il-parti tar-razzett, oħra Maria Camilleri, omm l-attur Francis Camilleri però l-aċċess għar-razzett kien magħluq u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija****; l)* ***Illi jirriżulta li fil-frattemp u cioè fid-<u>9 ta' Frar 1993</u>, ir-razzett ġie mikri mill-Kurja Arċiveskovili lill-konvenut Charles Ciangura permezz ta' skrittura privata****; m)* ***Illi permezz ta' ftehim ratifikat fit-18 ta' Frar 1993 il-proprjetà immobbli Ekkleżjastika għaddiet f'idejn il-Gvern ta' Malta u dan kien jinkludi r-razzett in kwistjoni***[50]*.*

*Konklużjoni - L-esponent jissottometti bir-rispett is-segwenti konklużjonijiet - i. Illi fl-opinjoni tiegħu l-kontestazzjoni tirrigwarda proprjetà waħda u ma jirriżultax mid-dokumenti kollha esebiti li qatt kien hemm żewġ proprjetajiet differenti minkejja l-konfużjoni amministrattiva; ii. Illi fl-opinjoni tiegħu, jirriżulta mid-dokumentazzjoni esebita li r-razzett in kwistjoni kien ġie diviż minn mindu l-art in kwistjoni kienet għada imqabbla lill-familja Micallef; iii.* ***Illi fl-opinjoni tiegħu, mid-dokumentazzjoni esebita jirriżulta li dik il-parti tar-razzett li kienet fil-pussess tal-mejjet Carmelo Azzopardi, mikrija lilu flimkien ma' art agrikola mill-Katidral Metropolitan ta' Malta hi l-istess parti tar-razzett mikrija mill-Kurja Arċiveskovili lill-konvenut Charles Ciangura****. Iv.* ***Illi fl-opinjoni tiegħu, mid-dokumentazzjoni esebita u minn studju mill-viċin taż-żona in kwistjoni ma jirriżultax li hemm xi razzett ieħor f'dawk il-viċinanzi li hu simili għar-razzett li ġie indikat lill-esponent miż-żewġ partijiet f'din il-kawża***[51]*.*

---

[50] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.

[51] Enfasi tal-Qorti.

Fid-dawl ta' dawn kollu osservat għalhekk jirriżulta li l-każ odjern jimpernja madwar ir-razzett, bl-art ta' madwaru, f'Tas-Salvatur, ir-Rabat, illi sa' l-1975 kienu r-razzett detenut u l-art maħduma minn Carmelo Azzopardi b'titolu ta' qbiela. Ma hemm l-ebda razzett ieħor involut.

Meta dana Carmelo Azzopardi nstab mejjet fl-1975, b'konsegwenza tal-mewt tiegħu seħħew żewġ fatturi importanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri: (i) fl-ewwel lok ir-razzett ingħalaq b'ordni tal-Pulizija u ħadd ma kellu aċċess għall-istess għal diversi snin; u (ii) permezz ta' skrittura privata datata **13 ta' Awwissu 1976**, iffirmata bejn il-Monsinjru Carmelo Xuereb bħala amministratur tar-Reverendu Kapitolu tal-Katidral ta' Malta u Maria Giuseppa Camilleri, oħt Carmelo Azzopardi u omm l-attur Francesco Camilleri, l-istess Maria Giuseppa Camilleri ġiet rikonoxxuta bħala inkwilina tar-raba' magħruf "Tas-Salvatur" fil-limiti tar-Rabat, li kienet detentuta u maħduma minn Carmelo Azzopardi, tal kejl ta' ċirka sitt itmiem **kif ukoll tas-sehem tar-razzett li kellu l-istess Carmelo Azzopardi**, u dana verso qbiela ta' Lm5.62,5, illum ekwivalenti għal €13.11 fis-sena u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fl-istess ftehim.

Dan l-aħħar element, u cioè li fil-qbiela konċessa lil Maria Giuseppa Camilleri kien hemm inkluż is-sehem tar-razzett li kellu Carmelo Azzopardi - li effettivament kellu razzett wieħed u cioè r-razzett mertu ta' dawn il-proċeduri - huwa ferm importanti fil-kuntest tal-vertenza odjerna, importanza però li tiġi konvenjentement u persistentement injorata u għal kollox sorvolata kemm mill-konvenuti Ciangura kif ukoll mill-konvenut Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt.

Għalkemm Maria Giuseppa Camilleri ma kelliex, għaliex ma setgħax ikollha, aċċess għal dan ir-razzett in kwantu kien magħluq b'ordni tal-Pulizija, hija xorta waħda ħallset il-qbiela intiera ta' Lm5.62,5 kull sena sa' mewtha fl-1991. Wara li mietet Maria Giuseppa Camilleri, il-qbiela konċessa lilha, li kif ingħad kienet tinkludi l-art ta' ċirka sitt itmiem li kienet maħduma minn Carmelo Azzopardi u s-sehem tar-razzett li kellu l-istess Carmelo Azzopardi, baqgħet titħallas mill-eredi tagħha u din baqgħet tiġi aċċettata mill-Katidral, sakemm fid-19 ta' Frar 1993, din il-proprjetà għaddiet għand l-Uffiċċju Konġunt. L-Uffiċċju Konġunt għaraf lil Francesco Camilleri, l-attur odjern, bħala l-inkwilin ta' dak li kien ġie konċess lill-ommu bl-iskrittura ta' l-1976, ossia, jiġi ribadit, tar-raba' magħruf "Tas-Salvatur" fil-limiti tar-Rabat, li kienet maħduma minn Carmelo Azzopardi, tal kejl ta' ċirka sitt itmiem, **kif ukoll tas-sehem tar-razzett li kellu l-istess Carmelo Azzopardi.** L-attur ħallas il-qbiela kollha dovuta fl-ammont ta' Lm5.62,5 fis-sena, in segwitu fl-ammont ta' €13.11 fis-sena, hekk kif evidenzjat mill-irċevuti esbiti minnu.

Minn dan joħroġ għalhekk li l-art maħduma minn Carmelo Azzopardi **u** s-sehem tiegħu tar-razzett in kwistjoni kienu u għadhom sa' llum mikrija ininterrottament: l-ewwel lil Carmelo Azzopardi, warajh lil oħtu Maria Giuseppa Azzopardi u finalment lill-attur odjern Francesco Camilleri. Dana l-fatt għalhekk serjament jimpinġi fuq it-titolu ta' inkwilinat vantat mill-konvenut Charles Ciangura fuq ir-razzett in kwistjoni u l-biċċa art madwaru, u dana billi huwa evidentement ġie mikri proprjetà li già, fiż-żmien tal-konċessjoni lilu, kienet mikrija lil terza persuna.

Il-fatt li Camilleri ma kellhomx aċċess għar-razzett minħabba li dan kien magħluq b'ordni tal-Pulizija u in segwitu ġie, erronejament fil-fehma tal-Qorti, mikri lil Ciangura, ma jnaqqas assolutament xejn mid-drittijiet ta' l-attur fuq l-istess razzett. Il-fatt li l-Uffiċċju Konġunt koċċjutament jgħid li l-attur ma għandux jedd fuq ir-razzett għax huwa għandu titolu ta' qbiela, li allura ma tistax tinkludi razzett, filwaqt li l-konvenut għandu jedd fuq l-istess razzett għax għandu titolu ta' kera, li allura naturalment tinkludi r-razzett, per di più

meqjus minnhom bħala *urban tenement* għalkemm huwa fond li jinsab qalb ir-raba' u mhux f'xi arja residenzjali folta, ukoll huwa għal kollox irrelevanti. In-nomenklatura li awtorità amministrattiva tagħżel li tagħti lil ftehim li jkollha ma' persuna ma tista' bl-ebda mod tħassar u ġġib fix-xejn l-effetti legali ta' skritturi privati u relazzjonijiet ġuridiċi u legali già viġenti bejn sid/amministratur tal-proprjetà u l-inkwilin rikonoxxut minnu, u li kien ilhom viġenti s-snin.

Ma hemmx dubju f'moħħ il-Qorti li l-attur għandu titolu validu - titolu ta' qbiela - mhux biss fuq l-art li kienet maħduma minn Carmelo Azzopardi u li in segwitu ġiet f'idejn ommu, iżda ganke fuq ir-razzett mertu tal-proċeduri. Dana t-titolu ta' l-attur, u tal-predeċessuri tiegħu, kien ilu fis-seħħ, in vigore u onorat għal snin twal u ferm qabel ma ntlaħaq il-ftehim tal-konvenut fid-9 ta' Frar 1993. F'tali kuntest għalhekk japplika l-prinċipju *prior in tempore potior in iure.*

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li t-talba ta' l-attur sabiex il-konvenut jiġi ordnat jiżgombra mill-istess razzett u art ta' madwaru hija ġustifikata u b'hekk jistħoqq li tiġi milqugħa.

Raġġunta din il-konklużjoni a bażi tal-provi prodotti u tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Perit Godwin Abela, il-Qorti tqis li jeħtieġ issa jiġu trattati eċċezzjonijiet oħra sollevati kemm mill-konvenuti konjuġi Ciangura kif ukoll mill-konvenuti Direttur Uffiċċju Konġunt, l-Avukat ta' l-Istat, li assuma l-atti minflok l-Avukat Ġenerali, u l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof.

**In-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-attur:**

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti Ciangura jikkontendu li l-attur ma għandux interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni. Fir-rigward jissottomettu li *huwa fatt ben assodat illi persuna li tiftaħ kawża tagħmel dan għaliex hija jkollha interess li tipproteġi xi forma ta' dritt illi hija teċċepixxi illi għandha, b'dan illi tali persuna ċertament tkun qiegħda issegwi l-kawza tagħha bir-reqqa, bit-tama li tali kawża tinqata' favur tagħha. Illi però, din ma tistax tingħad illi hija s-sitwazzjoni fil-każ odjern, stante li kif jirriżulta ċar daqs il-kristall mill-kontro-eżami ta' l-attur Francesco sive Cikku Camilleri, huwa ma għandu l-ebda tip ta' interess fil-kawża in eżami, dan għaliex dak li huwa xehed in kontro-eżami huwa kompletament oppost għal dak li huwa ddikjara fl-affidavit tiegħu. Illi jidher ċar illi l-attur qatt ma resaq lejn ir-razzett in kwistjoni tant li lanqas biss jaf kif inhu... Illi mill-istess kontro-eżami, irriżulta wkoll illi l-attur Camilleri qatt ma kellu xi forma ta' pussess tar-razzett li minnu l-attur qiegħed jattenta jiżgombra l-intimat esponent minnu ... Illi għalhekk kif qatt jista' jingħad illi t-talbiet għall-iżgumbrament imressqa mill-attur huma b'xi mod fondati? Illi mhux talli hekk, talli f'tali kontro-eżami, l-attur stess iddikjara illi huwa kien imġiegħel jiftaħ tali kawża minn terzi, u ma fetahiex għaliex verament ħass li kellu jagħmel dan... Illi n-nuqqas t'interess fil-kawża odjerna da parti ta' l-attur hija riflessa wkoll mill-fatt illi għalkemm fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021, l-avukat inkarigat mill-attur irrinunzja għall-patroċinju, mid-dokumenti proċesswali u mill-verbali sussegwenti, ma jidhirx illi l-attur qabbad xi avukat ieħor sabiex jirrappreżentah fil-kawża odjerna. Illi barra minn hekk, l-attur, wara tali rinunzja, qatt ma Reġa' deher għas-seduta sussegwenti, u cioè għal dawn l-aħħar sentejn. Illi għalhekk, jista' jingħad biċ-ċar ili mhux talli l-attur tilef l-interess fil-kawża ppreżentata minnu stess, talli l-kawża odjerna hija monka stante n-nuqqas t'interess ta' l-istess attur sa' mill-bidu tal-proċeduri.... Proċeduri li ilhom għaddejjin għal dawn l-aħħar dsatax-il sena!*[52]

---

[52] Para. 33 sa' 41 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti konjugi Ciangura, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2023.

Is-sottomissjoni, anzi eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-attur, issa sollevata mill-konvenuti konjuġi Ciangura hija għal kollox inġustifikata, insostenibbli u proċeduralment inaċċettabbli.

Jibda biex jingħad li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-attur ma ġietx minnhom sollevata b'mod formali, ossia permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet/Risposta Ulterjuri (stante li ma ġietx minnhom sollevata fin-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet oriġinali tagħhom), iżda ddaħħlet ħelu, ħelu fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom b'tali mod li l-attur ma ngħata l-ebda opportunità li jirribatti għall-istess. In effetti jiġi osservat li l-konvenuti Ciangura lanqas għamlu tentattiv ta' notifika lill-attur illi huma jafu ben tajjeb li jinsab residenti ġewwa San Vinċenz de Paul u ma jistax jattendi l-Qorti.

Tali eċċezzjoni, ta' natura indubbjament importanti u determinanti fil-każ in eżami, sollevata biss fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti ma tistax u ma għandiex, proprio għal tali raġuni, tiġi aċċettata u sostnuta minn din il-Qorti. Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Antida Falzon v. APS Bank Limited, Ċitaz. Nru. 301/98** deċiża fit-28 ta' Mejju 2003: *għalkemm dawn il-Qrati ftit ħarsu jew ikkunsidraw b'simpatija lejn eċċezzjonijiet li 'jfaqqsu' għall-għarrieda fil-mori tal-proċeduri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, din il-Qorti hija wkoll konsapevoli mill-fatt li hemm ġurisprudenza li ħadet attitudini aktar liberali fis-sens li aċċettat eċċezzjonijiet li jkunu ġew sollevati b'dan il-mod dubbjuż. Hekk, per eżempju, fil-kawża fl-ismijiet "Service Limited v Joseph Zammit" (Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri) deċiża fid-29 ta' Jannar 1999. Iżda l-Qorti, wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, hija tal-fehma li argument legali dedott fin-nota, u mhux bħala eċċezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bħala tali. Diversament ikun jammonta għal strapp proċedurali li jista' jkun ta' preġudizzju serju għall-kontro-parti attriċi, oltre li jkun ukoll jammonta għal intralċ mhux awtorizzat fuq il-proċeduri 'in corso' (Ara sentenza App. A. Cristina v. E. Mizzi 27/3/03).*

Fejn imbagħad tidħol l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-attur fil-proċeduri minnu stess istitwiti, huwa iktar u iktar importanti li l-istess attur ma jiġix sorpriż b'tali eċċezzjoni, anzi jkollu kull opportunità jirribatti għaliha. Di fatti għalkemm in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-attur hija eċċezzjoni li tista' addirittura titqajjem mill-Qorti *ex officio,* il-Qorti stess hija prekluża milli tagħmel dan ad insaputa ta' jew b'sorpriża lill-attur[53]- aħseb u ara allura kemm ma jistax jagħmel hekk il-konvenut!

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti assolutament ma taqbilx li l-attur ma għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jipproponi l-azzjoni odjerna.

Il-konvenuti Ciangura jsostnu li l-attur ma għandux interess fil-proċeduri odjerni għaliex kienu terzi li mbuttawh jiftaħ dawn il-proċeduri, għaliex ma kellux pussess effettiv tar-razzett, għaliex l-Avukat li kien jassistih f'dawn il-proċeduri rrinunzja għall-patroċinju u s'issa ma jidhirx li nkariga avukat ieħor biex jassisstih f'dawn il-proċeduri u għaliex l-istess attur ma baqgħax jattendi għas-seduti li nżammu tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri.

---

53 Minn dan premess jidher a prima vista illi mhux projbittiv għall-Qorti li tissolleva hi stess il-karenza ta' l-interess fl-attur anke fil-kors tal-kawża li tkun miexja. Wieħed però jrid joqgħod ferm attent u ma jitlefx di vista l-konsiderazzjoni illi l-kontestazzjoni hi bejn il-partijiet in kawża u allura l-Qorti għandha tevita li tarreka preġudizzju lil xi ħadd fost il-kontendenti. Dan fis-sens illi jekk il-Qorti tirrileva "sua sponte" il-mankanza jew in-nuqqas tal-interess hi għandha imbagħad tagħti l-opportunità lil parti li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwarha u mhux sempliċiment tqajjimha, u tiddeċidiha wkoll, hi stess fil-korp tas-sentenza - Veronique Amato Gauci et v. Marco Zammit et, Appell Ċivili Nru. 1388/00 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 2004.

Dawn is-sottomissjonijiet da parte tal-konvenuti Ciangura juru lill-Qorti biċ-ċar li l-istess konvenuti ma għandhom assolutament l-ebda ideja ta' x'jfisser il-kunċett ta' interess ġuridiku ta' l-attur fil-proċeduri istitwiti minnu.

Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Agatha Formosa Gauci v. Avukat Dr. Francis Lanfranco et, Appell Ċivili 621/01** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Novembru 2003, fejn ingħad illi l-prinċipji li jirregolaw il-kunċett ta' interess ġuridiku ta' l-attur fi proċeduri istitiwiti minnu huma: *(i) l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali; (ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq; (iii) l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmula kontriha; (iv) l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi; (v) l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-ħajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża; (vi) l-interess ta' l-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat; (vii) fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromuovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madanakollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatt li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki pre-ordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'l quddiem; (viii) l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi ikkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku; (ix) jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda illegali - azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda acta ad aemulationem - u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ.*

Kif già iktar 'l fuq konkluż, mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur effettivament għandu titolu fuq ir-razzett u l-art ta' madwaru mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia r-razzett u l-art li kienu ta' Carmelo Azzopardi b'titolu ta' qbiela, liema titolu għadda għand omm l-attur fl-1976 u in segwitu għand l-attur innifsu wara li mietet ommu. Titolu dan li jippredata l-ftehim tad-9 ta' Frar 1993 bis-saħħa ta' liema l-istess razzett, già soġġett għat-titolu ta' qbiela favur l-attur, ingħata b'titolu ta' lokazzjoni lill-konvenut Ciangura - jiġi ribadit li hawn japplika l-prinċipju *prior in tempore potior in iure.*

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma hemmx dubju li l-attur għandu l-interess ġuridiku meħtieġ biex jitlob l-iżgumbrament tal-konvenuti Ciangura mir-razzett in kwistjoni u l-art ta' madwaru. Il-fatt li l-attur seta' ġie imħajjar jew addirittura instigat minn terzi biex jistitwixxi l-proċeduri odjerni, fil-fehma tal-Qorti ma jnaqqas assolutament xejn mill-interess ġuridiku tiegħu f'dawn il-proċeduri. Il-fatt li minħabba raġunijiet li ġia ħarġu f'din id-deċiżjoni, l-attur ma setgħax igawdi l-pussess tar-razzett in kwistjoni, l-ewwel għaliex kien magħluq b'ordni tal-Pulizija wara l-mewt ta' Carmelo Azzopardi u insegwitu għaliex ħa pussess ta' l-istess il-konvenut Ciangura, ukoll ma jnaqqasx mill-interess ġuridiku ta' l-attur, iktar u iktar meta jirriżulta li l-istess attur, u l-predeċessuri tiegħu qablu, baqa' jħallas il-qbiela dovuta irrispettivament mill-fatt li ma setgħax igawdi l-pussess tar-razzett.

Huwa in fatti proprio biex ikollu t-tgawdija effettiva ta' dan ir-razzett u l-art ta' madwaru li l-attur istitwixxa il-proċeduri odjerni.

Bl-istess mod il-fatt li l-Avukat ta' l-attur irrinunzja għall-patroċinju tiegħu, bl-ebda mod ma jolqot u jeffettwa l-interess ġuridiku ta' l-attur u ċertament ma jagħtix lok għat-telfien ta' tali interess ġuridiku. Anke l-fatt li l-attur ma baqgħax jidher hu personalment għas-seduti miżmuma ma jistax iwassal għall-konklużjoni li tilef l-interess fil-kawża u pratikament irrinunzja għall-istess, u dana billi kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Cauchi v. Joseph Xuereb et, Ċitaz. Nru. 1131/01** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2003, *kif ingħad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Filati Ltd vs Tramps Ltd", deċiża fit-8 ta' Mejju, 2003, b'approvazzjoni ta' deċiżjoni riportata fil-Kollez. Vol. XXXVI.I.343, "ir-rinunzji huma di stretto diritto u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volontà preċiża ta' rinunzja. Kwindi ma jistax jiġi konkluż illi jkun hemm rinunzja taċita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizji ċari u assoluti li l-volontà tal-persuna jew persuni tbiddlet. Għandu jsegwi minn dan kollu li jekk l-indizzju u l-fatti jħallu dubju dwar il-volontà tal-persuna, dan għandu jittieħed kontra l-eżistenza tar-rinunzja". (ara wkoll "La Rosa de Cristoforo vs Russell", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar, 1939, u "Sammut vs Azzopardi", deċiża wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 1993).*

Fil-każ in eżami dan japplika b'ferm iktar riljiev meta in atti - senjatement a fol. 1137 tal-proċess - hemm ċertifikat mediku datat 2 ta' April 2019, li ma ġie bl-ebda mod konestat jew imxejjen mill-konvenuti, li jiċċertifika li minħabba l-età avvanzata tiegħu u minħabba problemi ta' artrite, l-attur kien qed ikollu problemi ta' mobilità li jeffettwaw l-attendenza tiegħu l-Qorti. Apparte minnhekk mill-atti jirriżulta wkoll li lejn l-aħħar tal-proċeduri, l-attur ma baqgħax jirrisjedi fid-dar tiegħu iżda kien qed jirrisjedu f'San Vinċenz de Paul fejn addirittura nżammet is-seduta għall-kontro-eżami tiegħu.

Trattat dan il-punt, il-Qorti ser tgħaddi issa biex tittratta eċċezzjoni oħra sollevata mir-rimanenti konvenuti, ossia l-eċċezzjoni li ma humiex il-leġittimi kontraditturi ta' l-attur fil-proċeduri odjerni.

**Mhux leġittimi kontraditturi f'dawn il-proċeduri:**

Hawn il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-diżappunt tagħha għan-nuqqas totali da parte tad-Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt u ta' l-Avukat ta' l-Istat, qablu l-Avukat Ġenerali, li jirrispettaw ir-regoli tal-proċedura ċivili u cioè li kwalunkwe eċċezzjoni trid titqajjem b'mod formali u mhux tramite Nota ta' Sottomissjonijiet, iktar u iktar meta, bħal fil-każ ta' l-imsemmija żewġ konvenuti, lanqas biss indenjaw ruħhom jressqu jew ta' l-inqas jivverbalizzaw eċċezzjonijiet għat-talbiet attriċi. Bħalma già ġie osservat iktar 'l fuq *argument legali dedott fin-nota, u mhux bħala eċċezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bħala tali.*

Da parte ta' l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, is-sitwazzjoni hija differenti għaliex fin-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu, fil-mertu eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma infondati billi r-razzett imsemmi fl-Avviż hu mikri lil Charles Ciangura, <u>illum ir-razzett għadda għand il-Gvern taħt il-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede</u>.

Bħala fatt in forza ta' l-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, Kap.358 tal-Liġijiet ta' Malta, bis-saħħa ta' liema twettaq il-ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta datat 28 ta' Novembru 1991, dwar it-trasferiment lill-Istat ta' dik il-proprjetà immobbli f' Malta li

ma hijiex meħtieġa mill-Knisja Kattolika għal skopijiet pastorali, il-proprjetà indikata, inkluż għalhekk il-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri għaddiet għand il-Gvern ta' Malta u dana, skond ma rriżulta mill-provi prodotti, fid-19 ta' Frar 1993. Il-proprjetà issa tal-Gvern ta' Malta tinsab amministrata mill-Uffiċċju Konġunt li appuntu għandu *inter alia* l-funzjoni *to administer the property transferred to the State by virtue of the present Agreement*[54].

Minn dan isegwi li l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof bl-ebda mod ma jista' issa jwieġeb għal u wisq inqas jiġi kkundannat skond it-talbiet ta' l-attur in kwantu ma għadx għandu iktar jedd, dritt u/jew interess fuq proprjetà in kwistjoni. Minn dan isegwi għalhekk li l-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof ma huwiex leġittimu kontradittur ta' l-attur f'dawn il-proċeduri u bħala tali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fejn jidħlu r-rimanenti żewġ konvenuti, ossia Direttur Uffiċċju Konġunt u l-Avukat ta' l-Istat, għalkemm ma ressqux eċċezzjonijiet formali u proċeduralment ammissibbli għat-talbiet attriċi, din il-Qorti xorta waħda trid tiddermina jekk l-attur seħħlux jipprova l-każ tiegħu fil-konfront tagħhom. Hawn il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria mart l-imsiefer Philip Debono v. Av. Dr. Paolo Mercieca et noe, Appell Ċivili 73/58** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Jannar 2004, fejn ġie osservat illi: *Din il-Qorti jidhrilha li għalkemm l-ewwel Qorti setgħet liberament tillimita ruħha għal dak li ġie formalment eċċepit mill-parti konvenuta u tieħu l-premessi attriċi bħala konfermati in mankanza ta' oppożizzjoni speċifika dwarhom mill-parti avversa, fl-istess waqt ma kien hemm xejn milli jipprekludiha li tkun ukoll sodisfatta li dak li ppremttiet l-attriċi ġie ippruvat u huwa legalment korrett. Eżerċizzju tali jinkwadra ruħu fil-parametri ta' dak li jista' jagħmel ġudikant qabel jasal għall-ġudizzju tiegħu u ma jammontax għal holqien ta' eċċezzjonijiet ġodda kif qegħdha tallega l-appellanti. … Għandu hawn jingħad li anke f'kawżi fejn konvenut baqa' kontumaċi hemm diversi preċedenti fejn il-Qorti xorta waħda esiġiet li l-attur jagħmel il-provi tiegħu għall-konvinċement tagħha.*

It-talbiet attriċi huma fis-sens illi l-Qorti tordna li l-konvenuti jiġu kkundannati jiżgumbraw jew skond iċ-ċirkostanzi jiġu ordnati ma joħolqu l-ebda ostakoli lilu, mir-razzett Ta' Sebula jew Sebuna, f'Għajn Klieb, limiti tas-Salvatur, Rabat, u l-art tal-madwar, li huma mqabbla lilu skond riċevuti fil-pussess tiegħu u dana anke fid-dawl li l-inkwilin preċedenti Carmelo Azzopardi, li kien instab mejjet fl-1975, kien jaħbat ħu ommu, fejn sussegwentement it-titolu tal-qbiela ngħadda lilu (ossia lill-attur) li baqa' ġuvni u dejjem ħallas il-qbiela lill-awtorità kompetenti.

Già ġie determinat u konkluż li l-attur effettivament għandu titolu ta' qbiela fuq ir-razzett in kwistjoni u l-art ta' madwaru u li t-talba tiegħu għall-iżgumbrament u biex ma jiġix ostakolat fit-tgawdija ta' tali proprjetà hija ġustifikata u jisthoqq li tiġi milqugħa fil-konfront tal-konvenuti Ciangura li huma l-persuni li għandhom pussess tar-razzett u l-art ta' madwaru u li qed jimpedixxu lill-attur mit-tgawdija ta' l-istess skond it-titolu tiegħu. Madanakollu però l-konvenuti Direttur Uffiċċju Konġunt u l-Avukat ta' l-Istat bl-ebda mod ma huma qed jokkupaw ir-razzett u l-art ta' madwaru u bl-ebda mod ma huma qed jostakolaw lill-attur f'li jottjeni t-tgawdija effettiva ta' l-imsemmija proprjetà. Filwaqt li huwa veru li t-taħwida amministrattiva li seħħet fl-1993 meta r-razzett u l-art ta' madwaru ingħataw b'titolu ta' lokazzjoni lill-konvenuti Ciangura, wasslet għas-sitwazzjoni odjerna u kienet waħda mir-raġunijiet għalfejn l-attur kellu jistitwixxi l-proċeduri odjerni, b'daqshekk ma jfissirx li t-talbiet attriċi kif formulati jistgħu u għandhom jiġu milqugħa fir-rigward ta' dawn iż-żewġ konvenuti partikolari.

---

[54] Artikolu 16 tal-ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li t-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-konvenuti Direttur Uffiċċju Konġunt u l-Avukat ta' l-Istat għandhom jiġu miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Aġent Ekonomu ta' Monsignur Arċisqof, Amministratur tal-beni Ekklesjasttiċi f'Malta, fis-sens li kull dritt li seta' kellu l-attur huwa preskritt għax il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri qatt ma seta' kien okkupat dawn l-aħħar 50 sena billi l-istess kien mikri lil Carmelo Azzopardi li nstab mejjet fil-baħar fis-sena 1975 u ċ-ċwievet tar-razzett inzammu mill-Pulizija sakemm għaddew għand il-konvenuti Ciangura;
2. **Tiċħad** is-seba' eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti Ciangura fis-sens li l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. **Fil-mertu** tiddikjara li l-Aġent Ekonomu ta' Monsignur Arċisqof, Amministratur tal-beni Ekklesjasttiċi f'Malta, mhux leġittiku kontradittur ta' l-attur f'dawn il-proċeduri u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;
4. **Tiċħad** it-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-konvenuti Direttur Uffiċċju Konġunt u Avukat ta' l-Istat;
5. **Tiċħad** it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni sollevati mill-konvenuti Ciangura; u konsegwentement
6. **Tilqa'** t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti konjugi Ciangura u filwaqt li tiddikjara li l-attur għandu titolu ta' qbiela fuq ir-razzett Ta' Sebula jew Sebuna, f'Għajn Klieb, limiti tas-Salvatur, Rabat, u l-art tal-madwar, tordna lill-imsemmija konvenuti konjugi Ciangura sabiex fi żmien perentorju u mhux prorogabbli ta' tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza jiżgumbraw mill-imsemmi razzett u l-art tal-madwar u ma joħolqux iktar ostakoli għat-tgawdija effettiva ta' l-istess razzett u l-art tal-madwar da parte ta' l-attur.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, ħlief għal dawk relattivi għall-Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Direttur Uffiċju Konġunt u Avukat ta' l-Istat, għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti Ciangura, filwaqt li l-ispejjeż relattivi għall-imsemmija Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Direttur Uffiċju Konġunt u Avukat ta' l-Istat, għandhom jiġu sopportati mill-attur.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**